**NOMINA TAL-P.L. LORNA VASSALLO GĦALL-ĦATRA**

**TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI ĠEWWA S-SENEGAL U KAPE VERDE**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?**

Iż-żewġ pajjiżi ġejjin minn sfond storiku ferm differenti. Huma ta' kobor differenti b'popolazzjonijiet differenti.

***Is-Senegal: sfond politiku***

Is-Senegal għandu daqs ta' 197 elf kilometru kwadru b'kosta twila fuq l-Atlantiku. Kien kolonja Franċiża minn wara l-1850 sal-1960. Huwa Repubblika Presidenzjali Demokratika. Qiegħed f'reġjun li bħalissa jista' jitqies bħala fluwidu politikament għalkemm jista' jissejjaħ b'ċertezza bħala wieħed mill-pajjiżi bl-itwal tradizzjoni ta' politika stabbli u demokrazija fl-Afrika. Huwa meqjus ukoll bħala wieħed mill-iktar pajjiżi Iżlamiċi li jittollera liċ-ċittadini Kristjani tiegħu tant li l-ewwel President tiegħu kien Kattoliku.

Huwa wieħed mill-ftit stati Afrikani li qatt ma kellhom *coup d'etat* u l-ewwel politiku Afrikan li rriżenja minn jeddu kien Leopold Seghor, li kien ukoll l-ewwel President tas-Senegal.

Dan il-pajjiż għandu fruntieri mal-Mawritanja, mal-Mali, mal-Guinea u mal-Guinea-Bissau u jinkorpora fih lill-Gambja. Dawn il-fruntieri jagħtuh responsabbiltà li kemm-il darba refa' anke militarjament.

Is-Senegal huwa wieħed mill-Istati fundaturi tal-ECOWAS (Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent). L-ECOWAS, stabbilita fl-1975 ħolqot suq li llum ilaħħaq 'l fuq minn 300 miljun ruħ bl-introduzzjoni, fost oħrajn tal-moviment ħieles tal-persuni. Is-Senegal huwa wkoll wieħed minn 8 membri li bejniethom iffurmaw l-Għaqda Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (WAEMU) u li għandhom iż-żona doganali tagħhom kif ukoll il-munita komuni tagħhom li huwa l-Frank tal-Afrika tal-Punent (CFA).

Apparti r-rwol ekonomiku, l-ECOWAS taqdi wkoll rwol ta' żamma ta' paċi fir-reġjun anke b'interventi militari fi żminijiet ta' kriżi bħalma ġara fil-Kosta tal-Ivorju u fil-Liberja fl-2003, fil-Guinea-Bissau fl-2012 u l-2022, fil-Mali fl-2013 u fil-Gambja fl-2017. Minkejja dan, kemm l-ECOWAS kif ukoll is-Senegal innifsu għaddew minn żminijiet turbulenti dawn l-aħħar snin.

***L-ewwel sfida: Volatilità fi ħdan l-ECOWAS***

Wara snin ta' stabbiltà, f'Mejju 2021 Mali ġie sospiż mill-ECOWAS minħabba it-tieni kolp ta' stat fi żmien disa' xhur. Warajh ġiet sospiża wkoll il-Guinea f'Settembru tal-istess sena għall-istess raġuni. Wara ftit taż-żmien, il-Burkina Faso wkoll kellha kolp ta' stat fl-aħħar ta' Jannar 2022 u l-gvern tan-Niġer ukoll tneħħa b'kolp ta' stat fl-2023. L-4 Stati kollha ġew sospiżi.

Fil-każ tan-Niġer, l-ECOWAS wegħdu interventi militari fil-pajjiż, iżda meta l-militar tal-Burkina Faso u tal-Mali qalu li ser jappoġġjaw lill-militar tan-Niġer, dan ġiegħel lill-ECOWAS tneħħi s-sanzjonijiet sabiex tevita sitwazzjoni katastrofika lill-poplu tan-Niġer. Flimkien ma' dawn it-tliet pajjiżi, l-ECOWAS neħħiet ukoll ħafna mis-sanzjonijiet kontra l-Guinea u l-Guinea-Bissau.

F'Settembru tal-2023 il-Mali, in-Niġer u l-Burkina Faso waqqfu l-Alleanza tal-Istati tas-Saħel (AES).

F'Diċembru 2024 l-ECOWAS iddiskutew il-finalizzazzjoni tat-tluq tat-tliet membri tal-AES mill-ECOWAS iżda baqgħu xorta jikkunsidraw il-possibiltà li t-tliet pajjiżi jistgħu jibqgħu jiffurmaw parti mill-blokk. F'Diċembru, il-Konferenza tal-Kapijiet ta' Stat tal-ECOWAS addottat perjodu transitorju għall-ħruġ tat-tliet stati li jibda fid-29 ta' Jannar 2025 u jispiċċa fid-29 ta' Lulju 2025 u qalet li kwalunkwe ħruġ mill-ECOWAS se jkun riversibbli. Minkejja dan, l-AES ma laqgħetx it-talba u saħansitra saru ċelebrazzjonijiet li jfakkru d-29 ta' Jannar bħala t-tmiem ta' sħubija fl-ECOWAS fit-tliet pajjiżi konċernati. F'dal-punt l-ECOWAS iddikjarat ukoll illi ħafna mill-arranġamenti tal-moviment ħieles tal-persuni u l-prodotti kif ukoll il-validità tad-dokumenti ser jibqgħu jgħoddu minkejja l-ħruġ. L-AES qed jaraw lill-ECOWAS biss bħala blokk ekonomiku li jistgħu jinnegozjaw miegħu u nnegaw ebda intenzjoni li jerġgħu lura għal membri tal-ECOWAS.

*<u>Kif il-pajjiż qed jiffaċċja l-isfida:</u>* L-isfida tidher li għadha fiż-żmenijiet bikrin tagħha. Il-ġejjieni mhux daqshekk ċar. Il-popli tal-pajjiżi li ħarġu jidhru kuntenti ħafna bit-tibdiliet li saru tant li saru ċelebrazzjonijiet fit-toroq fil-pajjiżi kollha. Rigward is-Senegal innifsu jista' jkun hemm ukoll xi sorpriżi billi l-President il-ġdid għamel il-bdil tal-munita bħala parti mill-programm elettorali tiegħu. Iżda jidher ukoll illi tali bidla tista' jew ma ssirx jew iddum ma ssir.

***<u>It-tieni sfida: Turbulenza fis-Senegal</u>***

L-aħħar elezzjoni ġenerali fis-Senegal saret fl-24 ta' Marzu 2024. Il-President ta' qabel, Macky Sall, ma setax jikkontesta għall-elezzjoni billi kien diġà għalaq it-tieni terminu ta' presidenza tiegħu.

Fil-bidu l-elezzjoni kellha ssir fil-25 ta' Frar 2024 iżda ġiet posposta indefinittivament mill-President Sall fit-3 ta' Frar 2024. L-Assemblea Nazzjonali mbagħad poġġiet id-data l-ġdida għall-15 ta' Diċembru. Però deċiżjoni tal-Kunsill Kostituzzjonali dawret din id-deċiżjoni u ordnat li l-elezzjoni ssir kemm jista' jkun malajr. Għalhekk, il-gvern iffissa data ġdida: l-24 ta' Marzu 2024.

Diversi avvenimenti ppreċedew l-elezzjonijiet fl-2024.

Fl-24 ta' Lulju 2023 Ousmane Sonko kien imħabbar bħala l-kandidat tal-Partit PASTEF, l-oppożizzjoni tal-pajjiż. Imma kien hemm dubju serju dwar l-eliġibilità tiegħu minħabba l-fatt illi diġà kien ingħata sentenza ta' sentejn ħabs mill-Qorti f'Ġunju tal-2023 għalkemm is-sentenza kienet appellata. Fil-31 ta' Lulju l-gvern tas-Senegal ordna li l-partit PASTEF innifsu jiġi xolt, filwaqt illi Sonko għamel strajk tal-ġuħ ta' diversi xhur.

Fid-19 ta' Novembru 2023 il-PASTEF ħabbru illi s-segretarju ġenerali Bassirou Diomaye Faye kien ser ikun il-kandidat tagħhom għall-elezzjoni. Faye kien il-ħabs sa minn April 2023 wara li kien arrestat għax ikkritika l-mod kif tmexxew l-affarijiet fil-każ tal-Qorti ta' malafama ta' Sonko fuq il-mezzi soċjali.

F'Diċembru 2023, il-Qorti reġgħet iddeċidiet li Sonko jista' joħroġ għall-elezzjoni u jkun kandidat.

Fl-20 ta' Jannar 2024, il-Kunsill Kostituzzjonali ħabbar l-20 kandidat għall-elezzjoni ta' President fosthom Bassirou Diomaye Faye li dak iż-żmien kien il-ħabs jistenna li jgħaddi ġuri. Fost dawk li l-kandidatura tagħhom ma ġietx aċċettata kien hemm Ousmane Sonko u Karim Wade, it-tifel tal-eks-President tas-Senegal li hu wkoll eks-Ministru. Fit-28 ta' Jannar 2024, Sonko ħabbar formalment li Bassirou Diomaye Faye kellu jeħodlu postu biex jirrappreżenta 'l partit.

Kif diġà ntqal hawn fuq, nhar it-3 ta' Frar, ftit sigħat qabel ma tibda l-kampanja, il-President Sall ħabbar li l-elezzjoni ġiet posposta. Din kienet l-ewwel darba Ii elezzjoni ġiet differita fl-istorja tas-Senegal. Hu qal li żewġt Imħallfin setgħu kienu korrotti fid-deċiżjoni tagħhom dwar l-ineliġibilità ta' Wade. Minkejja dan, diversi kandidati ddeċidew li jibdew bil-kampanja tagħhom kif ippjanaw u fit-toroq il-pulizija kellha tuża l-gas tad-dmugħ biex tferrex il-protesti li matulhom mietu tlieta min-nies. Il-Ministru tal-kommunikazzjoni qata' s-sistema tat-telefonija ċellulari fil-5 ta' Frar.

Il-Parlament iltaqa' fil-5 ta' Frar biex jiddiskuti d-data l-ġdida u ċerti membri parlamentari kellhom jitneħħew mill-kamra mill-membri tas-sigurtà waqt dibattitu mqanqal. Kien hemm bżonn 99 vot favur li l-elezzjoni ssir fil-15 ta' Diċembru minn kamra ta' 165 u 105 membru vvutaw favuriha filwaqt li deputat wieħed biss ivvota kontra. Dan wassal għal protesti ġodda fejn reġa' ntuża l-gas tad-dmugħ. Żewġ partiti tal-oppożizzjoni u 14-il kandidat fetħu appelli lill-Kunsill Kostituzzjonali biex jitkompla l-proċess elettorali.

Fil-15 ta' Frar il-Kunsill Kostituzzjonali ddikjara l-posponiment tal-elezzjoni bħala kontra l-Kostituzzjoni. Fl-istess ġimgħa nħelsu għadd ta' priġunieri mill-gvern. Kien hemm ukoll strajk ġenerali fis-27 ta' Frar.

Fis-6 ta' Marzu tħabbar li l-elezzjoni se ssir fl-24 ta' Marzu u l-Kunsill Kostituzzjonali approva d-data l-ġdida fis-7 ta' Marzu. Fl-14 ta' Marzu kemm Sonko kif ukoll Faye ġew meħlusa mill-ħabs bil-possibiltà biss ta' ftit ġranet ta' kampanja elettorali.

Faye ikkontesta bla partit billi l-PASTEF kien ilu li ġie abolit.

Fil-15 ta' Marzu, mal-ewwel dehra tiegħu fil-pubbliku, mijiet ta' nies appoġġjawh fosthom Abdoulaye Wade, eks-president tas-Senegal flimkien mal-partit tiegħu billi it-tifel ta' Wade stess ma tħalliex jikkontesta. Kandidat ieħor, Dieye, irtira n-nomina biex jappoġġjah. Anke Aminata Touré, eks-Prim Ministru, li kien ser jikkontesta għal kandidat u li tlewwem ma' Sall, wera l-appoġġ tiegħu għal Faye.

Matul il-kampanja tiegħu Faye wiegħed il-ħolqien ta' aktar xogħol, id tal-ħadid kontra l-korruzzjoni u reviżjoni tal-kuntratti tal-enerġija. Is-slogan tiegħu kien "Diomaye huwa Ousmane" u bbenifika mill-kariżma ta' Sonko u l-appell tiegħu liż-żgħażagħ. Il-programm tiegħu kien bħal dak ta' Sonko fl-2019. Faye wiegħed ukoll li jneħħi s-CFA minn munita tas-Senegal. Ippropona wkoll l-estensjoni taż-żona esklussiva tas-sajd b'20 kilometru sabiex tagħmel tajjeb għal telf minn flotot barranin. Fi żmien il-kampanja ppubblika dikjarazzjoni tal-assi tiegħu.

Minkejja t-turbulenzi li wasslu għall-elezzjoni l-osservaturi kollha ddikjaraw illi l-votazzjoni kienet waħda kalma u 61.3% tal-elettorat ivvota.

Faye kiseb l-appoġġ ta' 54.28% tal-vot tal-elettorat fl-ewwel rawnd tal-elezzjoni u saru ċelebrazzjonijiet kbar fit-toroq ta' Dakar. Ftit sigħat wara l-kandidat tal-eks-partit fil-gvern Amadou Ba, ikkonċeda t-telfa. Sall ukoll għadda l-awgurji tiegħu lil Faye u sejjaħ ir-rebħa tiegħu bħala „rebħa għad-demokrazija fis-Senegal".

Faye huwa l-ewwel kandidat tal-oppożizzjoni fl-istorja tas-Senegal li rebaħ fl-ewwel rawnd mill-Indipendenza tal-pajjiż fl-1960. Huwa ġie inawgurat President fit-2 t'April. Sonko nħatar PM tas-Senegal fit-3 t'April 2024.

Faye għajjat elezzjonijiet leġislattivi bikrin tal-Assemblea Nazzjonali fit-12 ta' Settembru 2024 ħalli jkun jista' jimplimenta aħjar il-politika u r-riformi li jixtieq il-poplu. L-elezzjonijiet saru nhar is-17 ta' Novembru 2024. Għal darb'oħra l-elezzjonijiet taw rebħa kbira lil Faye li tella' 130 siġġu minn 165. Il-koalizzjoni tal-opożizzjoni irnexxielha tikseb biss 16-il siġġu u partit ieħor 7 siġġijiet.

Il-poplu tas-Senegal għandu ħafna tama f'Faye u li r-riformi li ppropona fl-ekonomija jtejbu l-benesseri tagħhom. Is-Senegal skopra riżervi kbar ta' żejt u gas ftit snin ilu. Minkejja dan, il-persentaġġ ta' nies foqra li kien qed jgħolli rasu fl-aħħar snin saħansitra wassal għal iktar immigrazzjoni illegali.

Iżda r-rebħa ta' Faye ġabet ukoll bidla fil-politika esterna tas-Senegal. Wara r-rebħa kbira fl-Assemblea Leġislattiva Faye ħabbar li Franza għandha tirtira t-truppi tagħha kollha mis-Senegal u tneħħi l-bażi tagħha hemmhekk. Dan jindika li Faye jrid ineħħi l-influenza Franċiża mis-Senegal.

Min-naħa l-oħra, il-gvern ta' Faye ser jikkonċentra fuq ir-riduzzjoni tad-defiċit u ħabbar 8.8% inqas nefqa lill-istituzzjonijiet tal-istat biex l-istess flus imorru għall-agrikoltura u t-taħriġ. B'miżuri bħal dawn jidher li l-volontà li l-gvern tas-Senegal jaħdem ma' investituri barranin qiegħda hemm.

*Kif il-pajjiż qed jiffaċċja l-isfida:* It-turbulenza politika interna fis-Senegal qajla tista' tissejjaħ sfida jekk mhux sfida diġà megħluba. L-arresti ta' Sonko u Faye jirriflettu l-istorja tal-mexxej kbir tal-Afrika t'Isfel Nelson Mandela u qanqlu protesti saħansitra barra mis-Senegal. Il-President u l-Prim Ministru l-ġdid għandhom appoġġ enormi mill-elettorat. Il-Prim Ministru Sonko kien iddaħħal il-ħabs minħabba li ppubblika ktieb dwar korruzzjoni tal-gvern preċedenti fil-bejgħ taż-żejt. Il-President għandu l-enerġija ta' persuna żgħażugħa bi ftit esperjenza fil-politika u affiljazzjonijiet. It-tnejn li huma, huma ferventi kontra l-korruzzjoni. Il-poplu jafdahom b'għajnejh magħluqa u jemmen li huma s-soluzzjoni. Ta' min jgħid ukoll li s-Senegal sab riżervi kbar ta' żejt u gas fl-2014 u l-produzzjoni se tibda fl-2024. L-infrastruttura għall-estrazzjoni hija kważi lesta. It-tama hija kbira li s-Senegal jista' jerġa' jagħmel passi kbar 'il quddiem u bħalma ġara f'pajjiżna l-futur jista' jirrendi riżultati ekonomiċi tajbin ħafna.

## ***It-tielet sfida: Immigrazzjoni***

Is-Senegal huwa pajjiż ta' destinazzjoni, pajjiż ta' tranżitu kif ukoll ta' oriġini.

Billi s-Senegal mill-2014 sal-2018 kellu l-ogħla tkabbir ekonomiku fl-Afrika b'mod konsistenti, huwa bla dubbju pajjiż ta' destinazzjoni. Skont l-*Integral Human Development*, sa Awwissu 2021, is-Senegal laqa' 14,512 refuġjat u 2,052 persuna li kienu qed ifittxu l-ażil. F'dan il-pajjiż li huwa magħruf għat-Teranga (ospitalità) dawn il-persuni jiġu integrati fil-komunità u ma jeżistu ebda ċentri magħluqin jew miftuħin. Ir-refuġjati huma, prinċiparjament, mill-Mawritanja. L-immigrazzjoni interna f'dan il-pajjiż hija motivata mill-vjolenza fil-Casamance (il-parti 'l isfel mill-Gambja fl-istess pajjiż u fazzjoni li tixtieq l-indipendenza) u d-diżastri naturali, fosthom xita kbira fi 11-il reġjun tas-Senegal stess fl-2020.

Iżda s-Senegal huwa magħruf ukoll bħala pajjiż ta' tranżitu lejn l-Ewropa. Fl-2020 l-immigranti internazzjonali fis-Senegal kienu jgħoddu kważi 275 elf. Ir-rotta ta' migrazzjoni bejn il-Gambja u s-Senegal hija waħda mill-iktar użata fil-Punent tal-Afrika.

U minkejja l-politika stabbli ta' dan il-pajjiż, xorta waħda skont studju tal-Kummissjoni Ewropea jidher li 3 minn kull 4 ċittadini tas-Senegal iridu jemigraw preferibbilment lejn l-Ewropa. Fil-fatt is-Senegal ġie fl-10 post bħala pajjiż ta' oriġini ta' immigrazzjoni irregolari bil-baħar fl-2018.

4-5% tal-popolazzjoni tas-Senegal tgħix barra mis-Senegal, b'nofshom fl-Ewropa: b'110,000 fi Franza, 80,000 fl-Italja u 60,000 fi Spanja.

*Kif il-pajjiż qed jiffaċċja l-isfida: Il-programm elettorali tal-President u PM ġdid jemfasizza bil-kbir fuq il-qerda tal-faqar. Iżjed postijiet tax-xogħol u opportunitajiet ta' edukazzjoni jistgħu jżommu lis-Senegaliżi milli jitilqu pajjiżhom.*

## ***Ir-raba' sfida: Preżenza militari fis-Senegal***

Il-President Faye ħabbar fl-aħħar tas-sena tal-2024 li se joħroġ kwalunkwe forzi militari barranin mill-pajjiż mill-2025. Dan wara li kien diġà ordna li Franza tagħlaq il-bażijiet militari kollha fis-Senegal. S'issa Franza għaddiet lura formalment żewġ bażijiet militari minn ħamsa.

Huwa jħares lejn il-preżenza militari bħala tnaqqir tas-sovranità tal-pajjiż. Wieħed irid ifakkar ukoll illi l-MINUSMA (għajuna militari lill-pajjiżi tas-Saħel tal-Ġnus Magħquda) intemmet fil-31 ta' Diċembru 2023. Is-Senegal u l-pajjiżi membri tal-AES kollha jemmnu li ma jridux indħil militari barrani f'pajjiżhom.

Dan jista' jkun bidu ġdid għal dawn il-pajjiżi li lesti jieħdu rajhom f'idejhom. Minn mindu bdew jitilqu forzi militari barranin minnhom għalkemm indħil kbir mill-militar f'ċerti pajjiżi xorta waħda jidher li l-popli tagħhom huma kuntenti – xi ħaġa li tbiegħed il-possibiltà ta' gwerra ċivili u wieħed jispera anke gwerer bejniethom.

<u>*Kif il-pajjiż qed jiffaċċja din l-isfida:*</u> Jista' jingħad li s-Senegal qed jiffaċċja din l-isfida b'determinazzjoni kbira, b'konsistenza u bi pjan. It-tkeċċija ta' forzi militari ma tistax ma tfakkarniex fl-istorja ta' pajjiżna fejn is-sovranità vera ssarrfet f'suċċess wara l-ieħor minkejja xi problemi u sfidi li setgħu nqalgħu.

***<u>Il-Kape Verde</u>***

Skont il-'*World Bank Group Economic Update 2024*' il-Kape Verde qed jirkupraw tajjeb ħafna mill-effetti tal-pandemija iżda din serviet ukoll biex toħroġ id-dgħufija tal-pajjiż li huwa dipendenti wisq fuq it-turiżmu. Il-pajjiż xorta waħda għad baqagħlu problemi ta' faqar li kiber minn żmien il-pandemija.

***<u>L-ewwel sfida: Dipendenza fuq it-turiżmu</u>***

Il-Bank Dinji jipproponi iktar investiment fis-sajd imma jwissi li sajd eċċessiv u infrastuttura mhix adegwata qed ixxekklu l-iżvilupp neċessarju. L-akwakultura wkoll jeħtiġilha investiment kbir u assistenza teknika. Il-pajjiż igawdi minn Żona Esklussiva Ekonomika kbira.

<u>*Kif il-pajjiż qed jiffaċċja l-isfida:*</u> *W*ara l-pandemija nħoloq pjan ta' diversifikazzjoni fis-settur turistiku nnifsu b'aċċenn fuq turiżmu sostenibbli u offerti ta' iktar tipi ta' turiżmu.  Fi Frar 2024 il-gvern tal-Kape Verde uffiċjalment ikkonferma l-interess tiegħu li jsir membru tal- '**Global Accelerator on Jobs and Social Protection for Just Transitions'** li huwa grupp ġdid li jaħdem mill-qrib mal-ILO, FAO, UNICEF, WFP, Stati membri u l-aġenziji tal-Ġnus Magħquda li jassikura postijiet tax-xogħol ġodda b'inqas inugwaljanzi.  Dan jista' jgħin f'ħolqien ta' xogħlijiet ġodda fosthom lil hemm mis-settur turistiku.  Il-Portugal, li l-Kape Verde huma eks-kolonja tiegħu, u li ffirma l-applikazzjoni ta' sħubija fi ħdan l-istess *Global Accelerator*, wiegħed li l-KV se jiffoka wkoll fuq il-bini tal-kapaċità, l-iżvilupp tal-ħiliet, id-diġitalizzazzjpni, it-tranżizzjoni fl-enerġija, il-kostruzzjoni ċivili, ix-xogħol fil-metall apparti t-turiżmu.

***<u>It-tieni sfida: Nuqqas ta' infrastruttura fil-qasam tas-sajd u tal-akwakultura</u>***

Is-sajd mill-Kape Verdjani nnifishom isir iktar b'mod tradizzjonali u b'dgħajjes żgħar. Skont ċerti studji jidher li l-ammont ta' ħut naqas drastikament għas-sajjieda tradizzjonali kemm fl-ammont ta' ħut li jinqabad ma' kull sajda kif ukoll fid-daqs tal-ħuta li tinqabad. Meta intervistati s-sajjieda qalu li s-sajd bit-tartarun tal-borża (purse seining) jaħti għal dan. Sajd ta' bil-lejl bid-dawl u li minkejja li hu kontra l-liġi jibqa' jsir ukoll iwassal għal esplojtazzjoni eċċessiva u għal inqas ħut fiż-żoni riżervati għas-sajd tradizzjonali. Jidher ukoll li l-Kape Verde m'għandux il-kapaċitajiet meħtieġa sabiex jinforza kwalunkwe miżuri kontra sajd illegali.

<u>*Kif il-pajjiż qed jiffaċċja l-isfida:*</u> Il-**USAID**, parti mill-**West Africa Trade and Investment Hub**, wara l-pandemija għenet negozji tal-familji sabiex minflok jibqgħu jbigħu l-prodott tal-ħut innifsu direttament, jiddiversifikaw għall-produzzjoni ta' ħut ipproċessat bħal bergers tal-ħut. USAID ipprovdew self lil dawn in-negozji u saru sħab magħhom fin-negozju u wħud minnhom mhux talli ġabu l-infiq talli investew f'faċilitajiet ta' proċessar.  Seba' sajjieda u bejjiegħa tal-ħut  waqqfu "Nos Coop" sabiex jippromwovu sostenn soċjali lill-ħaddiema fl-industrija tas-sajd fost oħrajn. Jidher li l-benefiċjarji ta' dan is-self irnexxielhom itellgħu l-qligħ tagħhom anke sa għaxar darbiet iktar. Madanakollu, hekk kif imħabbar f'Marzu 2025, taħt l-amministrazzjoni Trump il-USAID issa ġiet żarmata bi 80% tas-self tagħha terminat.

Ftehim dwar is-Sajd ġdid tal-UE mal-Kape Verde ġie approvat mill-PE fi Frar tal-2025.  Dan jiffoka fuq il-qbid tat-tonn u jippermetti 56 bastiment tal-UE jistadu fl-ibħra ta' dan il-pajjiż. Spanja, Franza u l-Portugal se jkunu jistgħu jaqbdu mas-7,000 tunnalata ta' tonn kull sena sal-2029.  Biex dan iseħħ l-UE

se tagħti €780k kull sena lill-Kape Verde, €350k minnhom għal drittijiet ta' aċċess u €430k oħra għal sostenn tal-politika tas-sajd tal-Kape Verde u l-ekonomija l-blu. It-tariffi li se jħallsu s-sidien tal-bastimenti jistgħu jtellgħu s-somma għal €600k kull sena. Il-ftehim huwa mnebbaħ ukoll minn protezzjoni kontra sajd illegali u jinvolvi titjib fil-moniteraġġ ta' bastimenti u mmaniġjar ta' stokkijiet tal-klieb il-baħar. Madanakollu, ftehim bħal dan għandu wkoll bosta kritiċi billi jaħseb iktar f'li joffri żoni ta' sajd ikbar lil sajjieda Ewropej milli lill-Kape Verdjani nfushom.

Barraminhekk il-Kape Verde għandhom ftehim ta' reċiproċità mas-Senegal u konvenzjoni mal-Mawritanja. Is-Senegal għandu flotta industrijali tas-sajd fil-EEZ tal-Kape Verde. Il-Federazzjoni tal-Kooperattivi tal-Ġappun ukoll iffirmat ftehim. Anke dawn il-ftehimiet jistgħu ma jkunux fl-interess totali tal-Kape Verdjani.

***<u>It-tielet sfida: Nuqqas ta' riżorsi, nuqqas ta' ilma u art fertili</u>***

Minn 10 gżejjer tal-Kape Verde, 4 biss għandhom biedja sinjifikanti. Il-prodotti agrikoli esportati huma l-banana u l-kafé. Iktar minn 90% tal-ikel huwa kkunsmat lokalment. Ir-riżorsi naturali tal-gżejjer jikkonsistu fil-melħ, il-pozzolana (ġebla vulkanika li tintuża fil-produzzjoni tas-siment) u l-ġebla tal-ġir/kalkara (varjazzjoni oħra tal-franka u l-qawwi ta' Malta).

L-ilma huwa skars fil-Kape Verde u filwaqt li l-lukandi għandhom ilma kontinwu u jużawh għall-pixxini, familja f'żoni rurali jħallsu flejjes kbar biex jordnaw *bowsers* tal-ilma u ma jistgħux jixtru kemm iridu. Il-gvern għandu impjanti ta' desalinizzazzjoni tal-ilma tal-baħar li billi jikkonsmaw ħafna enerġija ġieli jwasslu wkoll għal qtugħ fil-provvista tal-elettriku. Barraminhekk, sistemi tal-ilma antiki jwasslu għal telf ta' ilma tant li sa 40% tal-ilma jintilef qabel ma jasal għand il-konsumatur. It-tkabbir mgħaġġel tal-popolazzjoni fl-ibliet poġġa stress kbira fuq ir-riżorsa. Barra dan, it-tibdil fil-klima u l-ammont ta' turiżmu jkomplu jkabbru l-ferita.

*<u>Kif qed jiffaċċja l-isfida l-pajjiż:</u>* Bħalissa ċ-Ċina, li dejjem kellha rapport diplomatiku tajjeb ħafna mal-Kape Verde, qed tibni żewġ digi f'Kape Verde. L-UE tgħin lill-Kape Verde taħt diversi programmi, fosthom l-EU Green Deal. L-UE tat mal-Eur55 miljun lill-pajjiż li Eur14 il-miljun minnhom kienu ddedikati għal kontribuzzjonijiet ta' emerġenza għan-Nixfa u l-Għargħar (bħala konsegwenzi tat-tibdil fil-klima).

Min-naħa l-oħra, billi l-Kape Verde għandha nofs il-popolazzjoni li tgħix barra pajjiżha, l-UE flimkien mal-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp fil-Biedja fi ħdan il-ĠM (IFAD), fl-2022 għamlu studji kif jistgħu jiffaċilitaw id-diġitalizzazzjoni ta' kif tali ħaddiema li ħafna minnhom jaħdmu fl-Ewropa jistgħu jibagħtu l-flus lill-qraba tagħhom fil-Kape Verde. Fl-2021 ntbagħtu 312 miljun dollaru Amerikan lill-familji b'dan il-mod li pprovdew għall-ikel, is-saħħa u l-edukazzjoni, kif ukoll sostenn għan-negozju taċ-ċittadini tal-Kape Verde.

2. **X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?**

Dawn il-binajri kkwotati japplikaw kemm għas-Senegal kif ukoll għall-Kape Verde

- B'mod ġeneral iktar **interazzjoni bi kwalunkwe mod** bejn iż-żewġ pajjiżi
- Titjib fir-relazzjonijiet u **familjarizzazzjoni ma' persuni strumentali** f'dak il-pajjiż
- **Organizzazzjoni ta' laqgħat** u involviment f'laqgħat organizzati jew mis-Senegal jew Kape Verde jew minn terzi fejn pajjiż jew ieħor jista' jkollu interess.
- Parteċipazzjoni bħala **osservatur f'laqgħat fi ħdan l-UE, l-Unjoni Afrikana** u organizzazzjiet oħra fejn dawn il-pajjiżi huma membri
- **Stediniet għal laqgħat f'Malta** ta' rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi anke jekk organizzati minn terzi
- Possibiltà ta' twaqqif ta' **kumitati speċjali** li jaħdmu lejn għanijiet speċifiċi u jaqsmu għarfien u esperjenzi bejniethom f'oqsma differenti bħal fil-każ tal-Gana
- **Identifikazzjoni ta' interessi komuni** fejn pajjiż jista' jikkontribwixxi lill-ieħor
- **Iffaċilitar ta' appoġġ u/jew konsultazzjoni dwar ideat f'votazzjonijiet** f'fora differenti fosthom fil-Ġnus Magħquda
- Organizzazzjoni ta' **laqgħat** fiżiċi jew virtwali bejn **dinjitarji, kummerċjanti jew nies oħra** li jista' jkollhom interess ta' attività bejn Malta u s-Senegal jew il-Kape Verde
- Possibilment twaqqif ta' **delegazzjonijiet kummerċjali**, filantropiċi jew mediċi bejn iż-żewġ pajjiżi
- Ultimament fuq livell diplomatiku u politiku t-tfassil ta' **ftehimiet bilaterali ġodda jew tħaddim ta' dawk diġà eżistenti**
- **Rapporti** dwar il-pajjiżi u interess fil-**ġurnali** u pubblikazzjonijiet tagħhom u għaqdiet dinjin li joperaw fihom
- **Kampanji ta' edukazzjoni** kemm lill-pubbliku in ġenerali kif ukoll fl-iskejjel dwar iż-żewġ pajjiżi li jipprovdu informazzjoni mhux preġudikata
- Possibilment l-introduzzjoni ta' **adozzjoni ta' tfal**

3. **Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?**

Fuq il-livell politiku u soċjali dawk kollha msemmija f'2 hawn fuq jistgħu jwasslu għal

- iktar **appoġġ f'fora internazzjali** jew reġjonali jew iktar kollaborazzjoni fosthom fil-battalja kontra l-immigrazzjoni irregolari
- iktar **qsim ta' għarfien** dwar stejjer ta' suċċess f'diversi oqsma bħall-qerda tal-faqar, is-sigurtà soċjali, is-sistema tas-saħħa, l-akwakultura, l-e-government u r-riżorsa tal-ilma
- **investiment barrani** f'pajjiżna minn negozjanti/kumpaniji barranin jew minn Maltin fihom u li jissarrfu f'ħolqien ta' impjiegi ġodda
- fuq il-livell soċjali **ħidma filantropika** ta' Malta sabiex tegħleb il-faqar fil-partijiet rurali taż-żewġ pajjiżi
- **għarfien aħjar lill-pubbliku** u lit-tfal f'pajjiżna dwar il-kobor u l-isfidi li jiffaċċja l-kontinent Afrikan fosthom diżastri naturali li jxekklu l-iżvilupp fi ħdanu u li jista' jirriżulta f'iktar tolleranza u inqas razziżmu
- fil-każ tal-**adozzjoni** ta' tfal din tista' titqies bħala vantaġġ għaż-żewġ pajjiżi speċjalment fis-Senegal li għandu popolazzjoni ferm ikbar minn dik tal-Kape Verde

**4.Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Bejn pajjiżi Ewropej bħalma aħna aħna u dawk tal-kontinent Afrikan jeżistu bosta sfidi:

***L-ewwel sfida: Il-Perċezzjoni***

Nemmen li l-akbar sfida illi għandna negħlbu hija l-perċezzjoni żbaljata, xi kultant totalment, illi l-Afrika għadha biss kontinet bil-ġuħ u tribali fejn tirrenja biss il-vjolenza u l-emigrazzjoni.

Nemmen li din hija l-ewwel ħaġa li Ambaxxatur ta' pajjiż Afrikan għandu jiffaċċja: il-bdil fil-mentalità ta' kif aħna nħarsu lejn dawn il-pajjiżi. Mhux biss aħna, nies fid-diplomazija u fil-politika, imma wkoll il-poplu in ġenerali li jeħtieġ jidra jiddistingwi bejn pajjiż u ieħor, anke permezz ta' iktar edukazzjoni: bejn pajjiż li ilu politikament stabbli għal għexieren ta' snin u ieħor li nqalgħulu problemi dan l-aħħar, pajjiżi li kienu eks-kolonji tar-Renju Unit u pajjiżi Afrikani l-oħra li kienu kolonji ta' Franza u pajjiżi oħra li nafu inqas dwarhom u b'hekk inħossuna iktar maqtugħin minnhom.

***It-tieni sfida: Il-lingwa***

***Nuqqas ta' fehim u perċezzjoni żbaljata***

Fil-każ ta' pajjiżi Afrikani li ma kinux kolonji tar-Renju Unit teżisti wkoll l-isfida tat-tieni lingwa tagħhom li f'Malta mhix mitkellma (eż. Franċiż u Portugiż).

Nemmen li ħafna mill-Maltin u nies li jitħaddtu bl-Ingliż xi kultant jaslu wisq għall-konklużjoni li tali nies m'għandhomx edukazzjoni speċjalment jekk ikunu ġejjin minn pajjiżi qed jiżviluppaw. Il-verità hi li **ma nistgħux nassumu li dawn in-nies ma jkunux studjaw**. Anzi f'ċerti każijiet kemm-il darba jkunu studjaw anke fuq livell terzjarju f'pajjiżhom jew ġo universitajiet fi Franza jew il-Portugal jew il-pajjiżi Ewropej eks-kolonji tagħhom.

Għalkemm speċjalment fis-Senegal il-popolazzjoni mhix daqshekk litterata, l-istess ma jistax jintqal għall-Kape Verde. Imma fi kwalunkwe każ mhux tajjeb nassumu li persuna mhix litterata jew mhix intelliġenti.

Lanqas **m'huwa l-każ li l-lingwa li wieħed jitkellem tista' tagħmlu iktar jew inqas intelliġenti**. Jeżisti dan il-fenomenu li għalina, għaliex ġejjin minn pajjiż b'kultura Anglo-Sassona, min ma jitkellimx bl-Ingliż jista' ma jkollux aċċess għall-edukazzjoni daqsna. In-nuqqas ta' fehim ma jħalliniex naraw lill-persuna daqsna għax ma nifhmuhiex.

***Il-lingwa fil-Konferenza/laqgħat***

F'konferenzi multilaterali jew bilaterali l-kwistjoni tal-lingwa tista' wkoll ixxekkel billi toħloq il-bżonn ta' **interpreti u l-apparat elettroniku** meħtieġ għall-interpretazzjoni. Dan jista' wkoll jaqta' qalb il-kommunikazzjoni bejn pajjiż u ieħor.

***Il-lingwa fil-każ tal-Ambaxxatur***

Bħala persuna li nitkellem b'mod tajjeb ħafna u regulari bil-Franċiż fil-każ tas-Senegal żgur li l-lingwa mhix ta' sfida u ma xxekkillix l-imparzjalità ta' kif nevalwa persuni minn dawn il-pajjiżi. Dan minnu nnifsu għandu jgħin fir-rwol potenzjali tiegħi bħala Ambaxxatur. Iktar minn hekk, il-fatt li nuri li nista' nikkomunika mal-politiċi u man-nies bit-tieni lingwa tagħhom, jgħin biex jiġbed is-simpatija tagħhom u l-ewwel impressjoni. Juri ċertu rispett anke għall-kultura tagħhom.

Fil-każ tal-Kape Verde, għalkemm ma għandix għarfien tal-lingwa, minkejja dan għandi għarfien tajjeb ħafna ta' żewġ lingwi Rumanzi (it-Taljan u l-Franċiż) u għarfien bażiku tat-tielet waħda (l-Ispanjol) li flimkien jippermettuli nifhem xi ftit il-lingwa Portugiża miktuba. Dan żgur ser jgħinni wkoll nifhem l-aħħar żviluppi politiċi waqt xogħli.

***It-tielet sfida: storja li mhix komuni***

Fil-każ taż-żewġ pajjiżi l-istorja evolviet b'mod differenti minn tagħna. Bosta jagħmlu differenza bejn pajjiżi eks-kolonja tal-Imperu Ingliż u oħrajn tal-Franċiżi jew pajjiżi oħra bħall-Portugal. Għalkemm il-pajjiżi Afrikani Malta tiltaqa' magħhom regolarment fil-*Commonwealth*, l-istess ma jistax jingħad għall-oħrajn. Iżda jista' jkun ukoll li ċerti pajjiżi li mhumiex eks-kolonji tal-Ingilterra huma wkoll ġeografikament eqreb lejna. Barraminhekk, pajjiż bħas-Senegal huwa raġġ ta' tama f'żona ferm diffikultuża li waħedha kważi tipprovdi l-immigranti irregolari Afrikana kollha li taqsam il-Mediterran. Barraminhekk, iktar rabtiet ma' iktar pajjiżi jfissru iktar għajnuna li nistgħu nagħtu li aħna l-Maltin tant aħna magħrufin għaliha u bir-raġun.

Min-naħa l-oħra bogħod kemm huma bogħod minn xulxin pajjiżi Afrikani xorta waħda jiffaċċjaw problemi komuni li aħna m'għandniex. Diffikultajiet li jiffaċċjaw kollha kemm huma huma diżastri naturali li jwasslu għal nuqqas ta' ikel u ilma, mard u nuqqas ta' xogħol. Barraminhekk, anke minħabba r-rikezza ta' riżorsi naturali ħafna min-nies tagħhom jispiċċaw esplojtjati bid-drittijiet tagħhom abbużati. Il-kobor tal-pajjiżi lanqas ma jgħin għall-infrastruttura billi d-distribuzzjoni ta' servizzi tirrikjedi baġits għolja minħabba d-distanza.

Għalina l-Maltin bħala Ewropej tajjeb li jkollna iktar kommunikazzjoni ma' pajjiżi bħal dawn anke biex nifhmu s-sitwazzjoni tagħhom aħjar ħalli anke b'mod politiku nfasslu programmi li jgħinu b'mod konkret u dejjiemi lil dawn is-soċjetajiet. L-isfida tal-isfond storiku hemm bżonn negħlbuha flimkien bl-għajnuna tagħhom stess.

***Ir-raba' sfida: reliġjon u kultura***

Fejn tidħol ir-reliġjon il-Kape Verde għandu 84% tal-popolazzjoni Kattolika. Is-Senegal min-naħa l-oħra huwa pajjiż Iżlamiku iżda illi huwa tolleranti għall-aħħar mal-popolazzjoni kattolika tiegħu u anke mat-turisti Ewropej u Amerikani li jżuruh. 97% tas-Senegaliżi huma Musulmani, imma huwa tip ta' Iżlam ferm moderat jekk mhux liberali tant li jiċċelebra anke l-Milied Kristjan. Għaldaqstant, persuna Ewropea li żżuru mhix ser tħossha differenti bl-ebda mod. Il-ħwejjeġ qosra u malji li jintlibsu fl-Ewropa u l-pajjiżi kattoliċi jintlibsu wkoll fis-Senegal u l-alkoħol huwa disponibbli speċjalment għat-turisti. Żgur li bit-turiżmu li huwa t-tieni l-akbar industrija tiegħu, barrani mhux ser iħossu differenti minn pajjiżu allavolja bħalma aħna nippretendu rispett lejn ċerti tradizzjonijiet tagħna hekk ukoll għandna nirrispettaw tagħhom.

***Il-ħames sfida: id-distanza ġeografika u l-kobor***

***Tfixkil fil-perċessjoni***

Bħala persuna li vvjaġġat ħafna barra l-Ewropa, illum il-ġurnata nifhem aktar kemm hu żgħir dan il-kontinent. Iktar minn hekk, bħala persuna Maltija li nitkellem ma' ħafna Maltin li ftit li xejn siefru barra l-Ewropa nifhem xi problema ta' fehim jista' jkollhom xi wħud dwar il-kobor u d-distanzi fil-kontinent Afrikan. L-Afrika huwa t-tieni l-ikbar kontinent u huwa tliet darbiet daqs l-Ewropa. Apparti l-Kape Verde li huma gżejjer relattivament żgħar iżda ferm ikbar minn Malta, il-pajjiżi Afrikani huma kbar ħafna.

Minħabba n-nuqqas ta' tagħrif li jista' jkollu bniedem komuni (*common man in the street*) li jiddeċiedi bla ma jfittex u jsaqsi, huwa ferm diffiċli jifhem kemm id-distanzi u l-kobor kif ukoll il-fatt li ġrajjiet li seħħew f'post jista' jkun illi għalkemm seħħew fl-istess pajjiż seħħew ferm 'il bogħod. Dan jiġri anke għal ġrajjiet li jiġru fl-Ewropa, aħseb u ara dawk fil-pajjiżi fl-Afrika. Barraminhekk, tidher ċara il-prevalenza fil-mentalità Maltija li jekk il-Malti jaf xi ismijiet ta' pajjiżi jkun jaf biss tal-pajjiżi li għandhom xi problemi ta' diżastri naturali, gwerer jew forsi attakki terroristiċi. Nemmen li għadd ta' Maltin ftit li xejn għandhom għarfien tal-pajjiżi li ma jissemmewx u li, għalkemm ma laħqux xi livelli Ewropej fejn jidħlu standards tal-ħajja, iżda laħqu ċertu livell sodisfaċenti li jirrendihom pjuttost awto-suffiċjenti ekonomikament. Min-naħa l-oħra xi wħud jaraw lill-Afrika daqslikieku pajjiż wieħed bla ma jkollhom idea tal-kobor tagħha u wisq inqas ta' liema pajjiżi setgħu rnexxew diġà.

***Relazzjonijiet politiċi u laqgħat fiżiċi***

Iżda d-distanza hija problema mhux biss għall-mentalità imma wkoll għar-relazzjonijiet politiċi. Laqgħat fiżiċi ma' dawn il-pajjiżi jirrikjedu ħafna preparazzjoni, loġistika u ħin anke llum il-ġurnata meta għandna ħafna konnessjonijiet bl-ajru u bil-baħar. U l-vjaġġi twal jiswew il-flus. U biex pajjiżna jibgħat delegazzjoni jew imqar persuna waħda dan ifisser ukoll spejjeż li jistgħu biss inaqqsu l-frekwenza taż-żjarat.

Is-soluzzjoni ovvja għal dan huma l-attendenzi għal laqgħat b'mod virtwali jew inkella laqgħat li jseħħu fl-Ewropa minkejja li huma ma' dak il-pajjiż.

Għalkemm din hija bla dubju diffikultà m'għandhiex twaqqafna milli noħolqu ċerta konsistenza fir-relazzjonijiet tagħna.

***L-esperjenza taċ-Ċina u l-Libja jqawwulna qalbna***

Min-naħa l-oħra bħala kommunikazzjoni, bla dubju ta' xejn, ma' pajjiż li għandu l-istess popolazzjoni bħalna bħall-Kape Verde huwa faċli nirrelataw. Fil-każ tas-Senegal – pajjiż kbir u li qiegħed daqstant 'il bogħod, b'riżorsi naturali kbar, l-istorja hija differenti. Minkejja dan wieħed ifakkar fl-istorja diplomatika ta' suċċess totali bejn Malta u ċ-Ċina li ssarrfet f' għadd kbir ta' trattati u tant ġid għaż-żewġ pajjiżi. Meta Malta, bħala l-ewwel pajjiż fl-Ewropa bdiet ir-relazzjonijiet maċ-Ċina, ftit li xejn ħasbet li bir-rispett tagħha lejn dan il-pajjiż enormi ser tkun litteralment qed tqajjem mentalità ġdida li tgħin liċ-Ċina stess fir-relazzjonijiet tagħha mal-Ewropa kollha fil-futur. Dan jista' jiġri wkoll f'każ ta' pajjiżi bħas-Senegal fejn il-ħbiberija tipprevali fuq x'wieħed jista' jagħti u x'wieħed jista' jaqla'.

Bl-istess mod ir-relazzjonijiet tajbin ħafna tagħna mal-Libja għal żmien twil issarrfu f'relazzjonijiet kummerċjali tajba ħafna u art bla tmiem għal investituri Maltin. U fiż-żmien tal-gwerra ċivili fil-Libja fl-2011, Malta wkoll serviet ta' sostenn ferm bżonnjuż lil-Libjani kollha anke b'għajnuna medika. Dan minkejja li l-Libja huwa pajjiż enormi, mimli riżorsi u li jista' faċilment jissejjaħ konservattiv reliġjożament.

B'mod reċiproku pajjiż kbir ma jistax iħares 'l isfel lejn pajjiż żgħir u jippreżumi li ma għandu xejn x'joffri. Iżda min-naħa tagħna wkoll għandna niftakru illi aħna wkoll ma nistgħux nassumu li ma għandniex x'noffru. Wara kollox Malta kemm-il darba wriet il-kobor tagħha f'pajjiżi bħal dawn bit-twaqqif ta' sptarijiet, rħula u skejjel.

Irridu nżommu wkoll f'moħħna li wara kollox id-diplomazija mhix ekonomija imma rispett bejn pajjiż u ieħor. U bħala pajjiżi sovrani kollha għandhom vot wieħed fi ħdan il-Ġnus Magħquda.

**5.X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?**

***Senegal***

***L-ospitalità Maltija u t-Teranga***

Huwa interessanti li daqskemm il-Maltin huma magħrufa għall-ospitalità tagħhom daqstant ieħor huma magħrufin is-Senegaliżi għat-'Tera(a)nga'. Din il-kelma li ġejja mill-iktar lingwa nattiva mitkellma fis-Senegal tippredomina l-mentalità Senegaliża kollha. Tfisser 'ġenerożità, ospitalità u qrubija'. Hija sens li jġiegħel lis-Senegaliżi jaqsmu dak kollu li għandhom inkluż ikel ma' kulħadd lil hemm min-nazzjonalità, klassi jew reliġjon u fi kwalunkwe sitwazzjoni – anke ma' dawk li ma jafux. Minnha nnifisha din il-kultura trawwem sens ta' sigurtà u kulħadd iħossu milqugħ immedjatament meta jiltaqa' mas-Senegaliżi għall-ewwel darba.

Din it-tema hija ferm diskussa minn barranin li jikkummentaw fuq is-Senegal u jidher li hija parti mill-ħajja li jgħixu n-nies lokali kuljum u li tiddefinihom.

Hawn Malta aħna għandna wkoll ospitalità li tispikka. L-hena tagħna ngħinu barranin jew persuni oħra Maltin li ma nafux bla ma nistennew xejn lura.

Nemmen li mentalitalitajiet simili bħal dawn apparti li jistgħu jqarrbuna lejn xulxin joħolqu s-sinerġija neċessarja biex nikkollaboraw flimkien.

Barraminhekk, kif nafu sew aħna l-Maltin, il-ġentilezza u t-tbissima tal-Maltin huma parti mill-prodott li noffru lit-turist tagħna u li għamlu t-turiżmu f'Malta storja ta' suċċess. Huwa parti mill-'marketing' ta' Malta li t-turist iħares 'il quddiem lejh meta jiġi f'pajjiżna. Huwa wirt intaġġibbli li aħna u s-Senegal tajjeb li ngħożżu.

***L-għeluq ta' bażijiet militari***

L-istorja li għaddej minnha s-Senegal bħalissa bħala pajjiż li qiegħed jagħlaq il-bażijiet militari tiegħu u jibgħat lill-eks-kolonja Franċiża lejn id-dar f'ġieħ is-sovranità tfakkarna bil-wisq fl-istess storja tagħna. Huwa minnu li l-Indipendenza tagħna qiegħda tixjieħ bil-mod imma bħala Maltin l-istess preżenza tagħna għandha tispira fiduċja fis-Senegaliżi li huma wkoll għandhom ma jibżgħux jieħdu rajhom f'idejhom u jiżviluppaw modi ġodda kif jiffinanzjaw l-iżvilupp tagħhom 'il bogħod mill-gwerra.

L-esperjenza Maltija tista' sservi bħala mudell għas-Senegaliżi li jixtiequ jibnu pajjiż ħieles u trawwem il-fiduċja neċessarja fihom infushom. Għax jekk pajjiż ċkejken bla riżorsi naturali bħal Malta rnexxielu joħroġ rebbieħ, għal xiex pajjiż ta' ċertu kobor li għadu kif jiskopri riżervi kbar taż-żejt u qiegħed ikabbar kuljum il-prodott turistiku tiegħu m'għandux jirnexxi?

***Non-allineament***

Bħal Malta s-Senegal bis-Sħubija tiegħu fin-NAM (Moviment Non-Allineat) jixtieq jgħaddi messaġġ ċar ħafna illi mhu allejat ma ebda blokk ekonomiku jew potenza militari. Jista' jkun li bħal Malta ġdida wara l-1964 il-President il-ġdid tas-Senegal ħass il-bżonn li jiltaqa' ma' Putin f'dan iż-żmien diffiċli għad-dinja biex juri proprju dan. F'xenarju politiku li qed jinbidel ferm is-Senegal qiegħed f'żona fid-dinja li hija mbiegħda kemm mill-Amerka kif ukoll mir-Russja. Iżda minkejja dan, bosta huma tal-fehma illi parti minn dak li qed jiġri fl-Afrika ta' Fuq jista' jkollu x'jaqsam ma' dawn direttament jew indirettament. Huwa fatt illi l-preżenza Russa qiegħda fl-Afrika wkoll. Iżda huwa wkoll fatt illi l-President Amerikan Trump waqqaf il-USAID. Min-naħa l-oħra kif spjegajt hawn fuq jidher li hemm moviment ġdid ta'

sovranità u li bosta pajjiżi Afrikani qed jirraġunaw li snin twal ta' preżenza militari tal-Ewropej u tal-Amerikani ma wasslux għas-soluzzjonijiet li xtaqu.

Bħala stat li ftit li xejn kellu problema ta' vjolenza (apparti l-moviment separatista f'Casamance li jidher li mhux daqstant attiv), is-Senegal dejjem kien stat stabbli li l-problemi tiegħu waqfu sal-livell ta' diżastri naturali u l-livell ekonomiku. Kemm Faye kif ukoll Sonko jidher li għandhom l-għatx neċessarju biex il-bidla sseħħ. Għandhom l-appoġġ sħiħ tal-poplu kif ukoll ta' stati barranin u blokok bħalma hi l-Unjoni Ewropea. Jidher ukoll li mhumiex iħallu l-istorja xxekkilhom imma lesti jinnegozjaw ma' kulħadd għall-ġid ta' pajjiżhom.

Bħala stat newtrali anke jekk fi ħdan l-UE, Malta tista' toffri l-esperjenzi tagħha sabiex mhux biss tqawwi qalb is-Senegaliżi imma wkoll sabiex isservi ta' mudell għal dan il-pajjiż miltarjament ġdid.

***<u>Kostruzzjoni, produzzjoni u turiżmu</u>***

Iżda lil hemm mill-ideoloġiji, relazzjoni tajba mas-Senegal tista' tfisser ukoll investimenti. Apparti li huwa pajjiż b'ammont ta' art konsiderevoli, is-Senegal jixtieq jattira investiment barrani anke fil-qasam tal-kostruzzjoni u t-turiżmu.

Minkejja d-distanzi ta' bejnietna, nemmen li kemm lukandiera kif ukoll negozjanti u aġenziji turistiċi jkunu lesti jinvestu f'dan il-pajjiż li għandu proprju dak li m'għandniex aħna: l-art. Jekk tali investituri jaraw illi s-Senegal huwa soċjetà ferriħija li lesta tilqa' b'idejha miftuħa lill-barranin xejn ma jeskludi li jinvestu fih ukoll.

Wara kollox kemm jekk investiment f'lukanda, kemm jekk bini ta' fabbrika u produzzjoni ta' partijiet minn prodott kif ukoll jekk għal skopijiet ta' turiżmu, illum Malta għandna Maltin bħalna li lesti jidħlu għal dawn l-isfidi u jibbenefikaw minn suq ta' 18-il miljun ruħ.

***<u>Iċ-Ċina</u>***

Il-President il-ġdid tas-Senegal Faye żar iċ-Ċina fi żjara statali f'Beijing f'Settembru 2024. Huwa kien ukoll ir-raba' Ko-President tal-**FOCAC** (Forum dwar il-Kooperazzjoni bejn iċ-Ċina u l-Afrika) għal din is-sena. Iċ-Ċina u s-Senegal waqqfu Sħubija Kooperattiva Strateġika Komprensiva fl-2016. Is-Senegal jemmen fil-politika ta' Ċina waħda u li d-drittijiet tal-bniedem m'għandhomx jiġu politiċizzati. Fost oħrajn iħares 'il quddiem lejn kooperazzjoni fil-biedja, industrija u taħriġ vokazzjonali. Faye tkellem favur it-Triq tal-Ħarir il-ġdida (l-Inizjattiva '*Belt & Road*'), l-Inizjattiva għall-Iżvilupp Globali, l-Inizjattiva għas-Sigurtà Globali u l-Inizjattiva għaċ-Ċivilizzazzjoni Globali li ppropona l-President Xi Jinping. Wara t-taħdidiet huma ffirmaw għadd ta' ftehimiet bilaterali f'dawn l-oqsma. Fi żmien il-pandemija iċ-Ċina kkontribwiet miljun dollaru Amerikan f'ikel, ħalib u mediċina għat-tfal permezz tal-UNICEF. Tibgħat kontinwament esperti tal-agrikultura teknoloġika biex jgħinu lis-Senegal jibni parkijiet industrijali u l-enerġija l-ġdida, fost oħrajn sabiex timmodernizza kemm il-biedja kif ukoll l-enerġija fis-Senegal.

Bir-relazzjonijiet eċċezzjonali li Malta dejjem kellha maċ-Ċina u l-volumi ta' ftehimiet li mhux talli ġew ratifikati talli ġew imwettqa u aġġornati, Malta tista' sservi ta' mudell ukoll għas-Senegal u toffri l-esperjenzi u l-ideat tagħha.

***<u>Kape Verde</u>***

***<u>Desalinizzazzjoni tal-ilma</u>***

Għalkemm il-Kape Verde jista' jidher li laħaq livelli pjuttost għolja fl-edukazzjoni xorta huwa limitat ferm ġeografikament u huwa pajjiż xott bħal tagħna. Filwaqt li Malta fiha biss 3-igżejjer fuq 318-il

kilometru kwadru, il-Kape Verde fih 10t igżejjer fuq 4000 km kwadru. Però, iż-żewġ arċipelagi għandhom abbundanza tal-ilma tal-baħar.

Jingħad li ċerti partijiet rurali ta' dawn il-gżejjer sfortunatament għadhom bis-sistema tal-'*bowser*' u li l-ilma huwa razzjonalizzat u għalhekk in-nies ma jistgħux jixtru kemm jixtiequ.

Bl-esperjenza twila tagħna ta' impjanti ta' desalinizzazzjoni u mhux inqas ta' produzzjoni ta' elettriku Malta tista' tgħin bil-kbir lil dan l-arċipelagu li jiffaċċja l-istess sfidi bħalna minkejja li hu ikbar.

***Materja prima għall-kostruzzjoni***

Il-Kape Verde għandha riżorsi kbar tal-pozzolana (ġebla vulkanika li tintuża fis-siment) u anke l-ġebla kalkarea bħall-franka Maltija. Xi produtturi ta' materjal tal-kostruzzjoni u riċerkaturi jistgħu jkunu interessati f'dawn ir-riżorsi u jekk jistgħux ikunu tajbin għal pajjiżna jew proġetti li jistgħu jirbħu barra minn xtutna. Bl-industrija tal-kostruzzjoni dejjem tikber f'Malta u b'tibdil fil-materjal użat mill-periti u żviluppaturi tagħna din ir-riżorsa tista' tinteressa lil xi investituri.

***Iċ-Ċina***

Iċ-Ċina huwa pajjiż ferm attiv fil-Kape Verde. Dan il-pajjiż li qatt ma dawwar dahru lejn Malta minkejja ċ-ċokon lanqas mhu qed jinsa barra lill-Kape Verde. L-investiment Ċiniż fil-Kape Verde qed iwassal għal ħajja aħjar għaċ-ċittadini Kape Verdjani. Iċ-Ċina bniet sptarijiet, skejjel, bini għall-gvern u kampus ġdid għall-Università f'Kape Verde b'investiment ta' 70 miljun dollaru Amerikan. Bniet ukoll proġetti ta' akkomodazzjoni. Il-kumpanija Electra li tappartjeni għall-gvern Kape Verdjan ngħaqdet mal-kumpanija Ċiniża Hexing (li fil-fatt għandha l-kwartieri tagħha fis-Senegal apparti l-Kenja) u qed timbarka fuq proġetti ta' enerġija solari u modi oħra ta' ħolqien ta' enerġija sostenibbli. Iċ-Ċina ffinanzjat ukoll żewġ digi b'investiment tal-miljuni. Jidher li l-UE u ċ-Ċina kważi qed jikkompetu bejniethom dwar min l-iktar jgħin lill-Kape Verde, iżda jidher ċar ukoll li s'issa ċ-Ċina tiġi fuq quddiem. Huma qed jikkollaboraw ukoll mal-gvern tal-gżejjer dwar installazzjonijiet ta' *e-government*, trasport pubbliku u anke teknoloġija fl-ajruporti. Iċ-Ċina pprovdiet ukoll il-karozzi elettriċi JAC Motors li ilhom sa mill-2020 fil-KV kif ukoll 55 punt fejn jistgħu jiġu ċċarġjati tali vetturi sabiex il-KV jkun jista' jilħaq il-mira ta' 100% vetturi elettriċi sal-2050. Ħafna mill-Kape Verdjani jħarsu lejn iċ-Ċina b'mod pożittiv, speċjalment dawk li għandhom inqas aċċess għall-elettriku u l-ilma. Barraminhekk, il-Kape Verde wkoll kellhom il-mexxej tagħhom fi żmien l-Indipendenza Amilcar Cabral li kien iqis liċ-Ċina Kommunista bħala ħabiba tal-gżejjer.

B'hekk il-paralelliżmu dwar l-esperjenza Maltija u tal-Kape Verde huwa indiskutibbli fejn jidħlu relazzjonijiet maċ-Ċina. F'dan ir-rigward Malta tista' taqsam l-esperjenzi tagħha ma' dan il-pajjiż fejn tidħol iċ-Ċina u ssib iktar x'jgħaqqadha miegħu.

***Iż-żewġ pajjiżi f'daqqa***

***Turiżmu:***

Dan il-qasam ġie diskuss minni fir-risposta tiegħi għall-mistoqsija 8 tal-gvern hawn taħt.

***Sajd u akwakultura:***

Dan il-qasam ġie diskuss minni fir-risposta tiegħi għall-mistoqsijiet 1 u 9 tal-gvern hawnhekk.

**Diversifikazzjoni ekonomika:**

Dan il-qasam diġà kkummentajt dwaru fit-tweġba tiegħi għall-mistoqsija 1 tal-gvern hawn fuq.

***Iċ-Ċina:***

Dan il-qasam diġà ddiskutejtu dwar iż-żewġ pajjiżi individwalment f'din l-istess mistoqsija.

**6.Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Bla ebda dubju l-popolazzjoni tas-Senegal (18-il elf ruħ u aktar) tista' toffri suq ġdid għal esportazzjoni ta' prodotti Maltin lejn dan il-pajjiż, għall-kisba ta' prodotti oħra jew saħansitra għal produzzjoni ta' elementi meħtieġa għal prodotti Maltin u ftuħ ta' fergħat ta' kumpaniji jew kollaborazzjoni bejn kumpaniji. Fil-każ tas-Senegal oqsma fejn kumpaniji Maltin jistgħu jikkolaboraw kummerċjalment huma fil-qasam tal-agrikoltura u fertilizzanti, il-birra u d-dqiq. Barraminhekk, is-Senegal jipprovdi wkoll il-karawett u ż-żejt tiegħu, qoton, zokkor mhux maħdum, armar ta' vetturi u magni kbar, żraben, ħwejjeġ u siment.

Il-Kape Verde huma gżejjer żgħar b'popolazzjoni daqs pajjiżna biss u bħal pajjiżna daqs 75% tal-prodotti huma importati u li ġieli ntlaqat minn perjodi twal mingħajr xita. Iżda, mil-lat pożittiv, il-gvern tiegħu għandu ħeġġa sabiex jattira investiment barrani ġdid. Fil-każ tat-tonn il-Kape Verde għad baqagħlu potenzjal kbir x'jilħaq u produtturi tal-esperjenza jistgħu faċilment ikunu interessati f'dan il-pajjiż. L-istess pajjiż għandu wkoll provvista kbira ta' awwista.

Mil-lat purament ekonomiku u kummerċjali, iż-żewġ pajjiżi iffirmaw Ftehim Kummerċjali Preferenzjali mal-UE li fadallu biss jiġi ffirmat mill-partjiet kollha u b'hekk jistgħu joffru vantaġġi għall-intraprendituri jew investituri Maltin fil-futur.

Iż-żewġ pajjiżi flimkien għandhom ukoll setturi tas-sajd li jistgħu jqajmu l-interess tal-intraprendituri lokali Maltin. Min-naħa l-oħra imprendituri minn dawn il-pajjiż jistgħu wkoll jinteressaw ruħhom sabiex jew jitgħallmu mill-esperjenza tagħna jew jinvestu hawnhekk bħala gżejjer tranżitorji eqreb lejn l-Ewropa jew nofs triq lejn l-esportazzjoni tagħhom lejn iċ-Ċina jew partijiet oħra tad-dinja.

Is-Senegal għandu artijiet kbar tajbin għall-agrikultura kif ukoll foresti minkejja l-klima li tista' ma tkunx waħda ideali.

Fl-elenku ta' attività proposta minni bi tweġiba għall-mistoqsija 2 tal-Membri tal-Gvern jien diġà tkellimt dwar:

- Organizzazzjoni ta' **laqgħat** fiżiċi jew virtwali bejn **dinjitarji, kummerċjanti jew nies oħra** li jista' jkollhom interess ta' attività bejn Malta u s-Senegal jew il-Kape Verde
- Possibilment twaqqif ta' **delegazzjonijiet kummerċjali** ... bejn iż-żewġ pajjiżi

Il-Kmamar tal-Kummerċ ta' Malta u Għawdex jistgħu jgħinu sabiex jinfurmaw lill-Membri tagħhom li jistgħu jkunu interessati.

Dan l-aspett inkludejtu wkoll fi tweġiba 5 min-naħa tal-gvern kif ukoll dħalt fid-dettall fih b'risposta għal tweġiba numru 1 tal-MP tal-Opożizzjoni fejn iddeskrivejtu bħala r-raba' rwol li għandu jkollu Ambaxxatur ta' dawn iż-żewġ pajjiżi.

**7.F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

***<u>Is-Senegal</u>***

Malta diġà għandha trattati mas-Senegal:

- Ftehim dwar il-Kooperazzjoni ekonomika u teknika li ġie ffirmat fl-1979 u daħal fis-seħħ fl-1983 u għadu fis-seħħ sal-lum. Dan huwa Memorandum ta' Fehim.

- Ftehim dwar Kooperazzjoni Kulturali bejn Malta u s-Senegal li ġie ffirmat fl-istess data iżda li qatt ma daħal fis-seħħ.

Kwalunkwe trattat li diġà jeżisti importanti li jiġi aġġornat maż-żmenijiet u implimentat bl-aħjar mod possibbli. Fil-każ tal-Ftehim tal-Kooperazzjoni Kulturali tajjeb li dan jiġi ffirmat minnufih.

Ftehimiet li s'issa jidher li għadhom ma jeżistux huma:

- Dwar taxxa doppja
- Dwar investimenti bilaterali
- Dwar is-Servizzi tal-Ajru – is-Senegal għandu 20 ajruport li minnhom wieħed (dak ta' Dakar) huwa internazzjonali. Fost id-destinazzjonijiet tal-linja nazzjonali tas-Senegal (Air Senegal) insibu wkoll il-Marokk, l-Għarabja Sawdita u l-Istati Uniti.

Min-naħa l-oħra ma jidher li għandna ebda trattati bilaterali mal-Kape Verde.

B'Ambaxxatur mhux residenti d-djalogu bejn iż-żewġ pajjiżi jista' jiġi ferm iffaċilitat u jwassal mhux biss għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet u trattati inattivi jew mhux iffirmati iżda wkoll għal ftehimiet u trattati ġodda.

**8.Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Malta, is-Senegal u l-gżejjer tal-Kape Verde huma lkoll pajjiżi fejn it-turiżmu huwa wieħed mill-pilastri ewlenin tal-ekonomija.

Filwaqt li l-kontribuzzjoni tat-turiżmu lill-Prodott Gross Domestiku (PGD) f'Malta huwa meqjus normalment bħala 25%-30%, b'25% tal-popolazzjoni taħdem fit-turiżmu, Malta tirċievi 3 miljun turist fis-sena skont l-Awtorita' tat-Turiżmu. Tali turisti fl-2023 ħallew €2.7 biljun fl-ekonomija.

***Is-Senegal***

Fis-Senegal it-turiżmu jikkontribwixxi 7% tal-PGD u jiġġenera €734 miljun fis-sena. 150 elf ruħ fis-Senegal huma impjegati fis-settur turistiku u b'hekk it-turiżmu huwa t-tieni l-akbar industrija li ġġib flus minn barra l-pajjiż wara s-sajd. Il-gvern tas-Senegal jixtieq jara l-persentaġġ tat-turiżmu tal-PGD jitla' għal 10%. Qabel il-pandemija s-Senegal irreġistra qabżiet kbar fit-turiżmu u għalkemm kellu 64% tat-turisti li ġew mis-Senegal stess, kellu 36% li kienu minn pajjiżi oħra u li 23% minnhom kienu mill-Ewropa. Is-Senegal għandu 14-il park nazzjonali, b'madwar 170 speċi ta' mammiferi u 600 speċi ta' għasfur. Dan it-tip ta' turiżmu qed isir iktar ma jmur popolari billi ħafna Ewropej qed tinteressahom din it-tip ta' avventura.

Dakar għandu titjiriet diretti lejn Franza, Spanja, il-Belġju, il-Portugal, l-Italja, il-Ġermanja, is-Slovakkja, il-Lussemburgu u r-Renju Unit ġewwa l-Ewropa. Fl-2022, kellu żewġ titjiriet kuljum jew tlieta permezz ta' Air France u titjira oħra mill-Air Senegal minn Pariġi CDG. Jattira l-aktar turisti Ewropej fix-xhur tax-xitwa minħabba l-klima sħuna tiegħu ta' dan iż-żmien tas-sena. L-iktar xahar sħun huwa Ottubru u l-iktar kiesaħ huwa Frar. L-aħjar żmien ta' ivvjaġġar għal dan il-pajjiż huwa minn Novembru sa Mejju għaliex ix-xhur l-oħra tagħmel ħafna xita minħabba klima tropikali.

Il-popolazzjoni tas-Senegal hija ta' 18-il miljun ruħ u dik tal-belt kapitali Dakar hija ta' 1.2 miljuni fil-belt innifisha u ta' 3.6 miljuni biż-żona metropolitana inkluża.

***Il-Kape Verde***

Min-naħa l-oħra bħal Malta, il-kontribuzzjoni għall-PGD tat-turiżmu fil-Kape Verde titla' għal madwar 25%. Fl-2023 dawn il-gżejjer irċevew miljun turist. Fl-2020, il-ħaddiema fis-settur turistiku kienu jammontaw għal 33.4% tal-ħaddiema. Fl-2022 il-Kape Verde irċieva 785 elf turist li ħallew mat-367 miljun Ewro fl-ekonomija. Il-popolazzjoni tal-Kape Verde hija prattikament daqs dik Maltija u cioè 552 elf ruħ.

Il-Kape Verde huma għaxar gżejjer vulkaniċi b'qies ta' 4033 km kwadru bejniethom u li jinsabu minn 600 sa 850 km bogħod mill-kontinent Afrikan. It-turiżmu fil-Kape Verde huwa wieħed marbut man-natura. Minn tliet vulkani wieħed biss għadu attiv u t-turist tipiku huwa dak li jħobb jimxi u jagħmel trekking jew dak li jfittex xtajta bir-ramel u baħar sabiħ bħal dak li jiġi Malta. L-għads fil-fond bl-apparat jew fil-wiċċ tal-ilma mal-ħut jew fkieren huma popolari. L-istess is-*surfing* huwa sport ieħor ipprattikat minħabba l-preżenza ta' riħ qawwi u mewġ kbir matul ċerti żminijiet tas-sena. Kull gżira għandha wkoll l-attrazzjonijiet tagħha għalkemm kemxejn limitati ta' madwar żewġ jew tliet knejjes, daqstant ieħor monumenti, arti tat-triq, mużika, ċelebrazzjoni tal-karnival u l-kċina tagħha. Billi l-gżejjer kienu diġà okkupati mill-Portugiżi sa mis-seklu 15, l-istil arkitettoniku huwa dejjem Portugiż b'influwenzi oħra Ewropej iktar tard li jista' jidher xi ftit jew wisq simplistiku meta mqabbel ma' dak ta' pajjiżna.

Iż-żewġ pajjiżi, imbagħad, li mhumiex wisq bogħod minn xulxin, flimkien mal-Gambja, normalment jiffurmaw parti minn diversi bastimenti tal-kruċiera li jduru t-tliet destinazzjonijiet flimkien u li jagħmluhom diversi turisti Amerikani jew Ewropej iżda jeżistu wkoll vjaġġi li jinkludu ħafna iktar pajjiżi minn dawn it-tlieta.

Fir-relazzjonijiet bejn Malta u dawn iż-żewġ pajjiżi, għalhekk huwa imperattiv li jkun hemm aċċenn speċifiku fuq is-settur turistiku anke mas-Senegal li huwa pajjiż ferm ikbar minna, b'diversi metodi fosthom:

1. Qsim ta' esperjenza u għarfien fosthom mudelli ekonomiċi f'dan is-settur

2. Diskussjonijiet bejn intraprendituri minn dawn il-pajjiżi u dawk Maltin li joperaw kemm fl-organizzar ta' gruppi turistiċi kif ukoll fil-ftuħ ta' lukandi

3. Diskussjonijiet dwar il-possibiltà ta' rotot turistiċi ġodda minn Malta lejn iż-żewġ pajjiżi permezz tal-ajru u/jew tal-baħar fosthom kruċieri

4. Il-possibiltà ta' (a) boroż ta' studju, (b) prattika jew (c) offerti temporanji jew permanenti ta' xogħol għal studenti Maltin, Senegaliżi u Kape Verdjani fil-qasam tat-turiżmu.

**9.Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?**

***Is-Senegal u l-UE***

L-UE u l-Istati Membri (Team Europe) għandhom **Ftehim ta' Sħubija mas-Senegal** li jinkludi t-tisħiħ tal-infrastruttura tat-trasport reġjonali u t-titjib tal-kompetittività tal-ekonomija nazzjonali.

Is-Senegal hija ekonomija ħielsa fejn il-kummerċ barrani jirrappreżenta 56% tal-PGD. Skont is-sit elettroniku tad-**Delegazzjoni tal-EU** ġewwa s-Senegal, l-UE hija l-akbar sieħeb fin-negozju u tagħmel tajjeb għal 33.5% tal-importazzjoni lejn is-Senegal imma tirrappreżenta biss 11.1% tal-esportazzjoni tiegħu. Franza tipprovdi 12% tal-importazzjoni u ċ-Ċina 10.8%. It-tieni l-aktar pajjiż Ewropew li jesporta lejn is-Senegal huwa l-Belġju (5.8%). Spanja hija l-aktar pajjiż Ewropew li jimporta mis-Senegal li takkwista 3.1% tal-esportazzjoni tiegħu.

Is-Senegal huwa membru tas-sistema '**Everything but Arms**' (EBA). Din is-sistema tassigura privileġġi lill-prodotti ta' dan il-pajjiż. Prodotti esportati lejn l-UE ma jkunux soġġetti għal ebda ħlasijiet doganali u m'hemm ebda restrizzjoni ta' volum li jista' jiġi esportat b'din l-eżenzjoni. F'dan is-sens, is-Senegal huwa t-tieni l-akbar benefiċjarju fl-Afrika u l-ħames l-akbar fid-dinja minn din is-sistema. Sabiex jibbenifika minn dan però, is-Senegal huwa marbut li jdaħħal taxxa progressiva fuq prodotti impurtati li jniġġsu u r-Regolament kontra d-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti (RDUE).

Permezz taż-**Żona Doganali Ħielsa Kontinentali tal-Afrika (AfCFTA)** li twaqqfet fil-21 ta' Marzu 2018, Team Europe ġewwa s-Senegal jappoġġja l-integrazzjoni ekonomika tar-Reġjun tal-Punent tal-Afrika. Il-Kapijiet ta' Stati Afrikani ġew flimkien sabiex iħaddnu integrazzjoni kontinentali. Dan jagħmluh permezz tal-programmi '**Aid for Trade**' li huma programmi li joffru assistenza teknika li twassal għal sostenn istituzzjonali, għajnuna għat-titjib tal-infrastruttura tat-trasport ta' interess reġjonali u titjib tal-kompetittività. F'dan ir-rigward però wieħed ifakkar illi l-programm elettorali tal-President il-ġdid, Faye, jinkludi t-tneħħija tal-Frank tal-Afrika tal-Punent (CFA) mill-munita tas-Senegal – xi ħaġa li tista' xxekel xi ftit jew wisq l-integrazzjoni mixtieqa mill-UE.

l-UE, 13-il Stat Membru tal-UE li kellhom rappreżentanza fis-Senegal fiż-żmien tat-tfassil tagħha u s-Senegal iħaddmu bejniethom **'l-Istrateġija Konġunta UE-Senegal 2018-2023'**. Fost il-pajjiżi Ewropej hemm il-Ġermanja, Franza, Spanja, l-Italja, il-Greċja, il-Portugal, l-Olanda u l-Lussemburgu. Din l-istrateġija li ħadet konjizzjoni taċ-ċiklu tal-baġit 2021-2027 u l-prioritajiet tal-**NDIC12 – Global Europe** (Strument Internazzjonali ta' Kooperazzjoni, Viċinat u Żvilupp) hija marbuta mal-Pjan Emerġenti tas-Senegal u l-ewwel fażi tiegħu 2021-2023. Hija bbażata fuq 3 prioritajiet u ċioè: (1) tkabbir favur ambjent inklussiv għall-ħolqien tal-impjiegi, (2) l-iżvilupp tal-kapital uman u (3) il-governanza t-tajba.

Minn mindu tela' l-gvern il-ġdid, Jutta Urpilainen, Kummissarju Ewropew responsabbli mill-Ftehimiet Bilaterali Internazzjonali kellha żjara uffiċjali s-Senegal bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru 2024. Hija ddiskutiet il-prioritajiet tal-'**Viżjoni Senegal 2050**' – il-programm ta' ħidma tal-gvern tas-Senegal - li l-oġġettivi tagħha huma allinejati ma' dawk tal-istrateġija Ewropea '**Global Gateway**'. Huma ddiskutew ukoll is-sitwazzjon fis-Saħel u tennew l-impenn tagħhom lejn il-ftehim bilaterali ta' bejniethom. Waqt laqgħat ma' Ministri oħra l-Kummissarju Urpilainen ħabbret żewġ inizjattivi ġodda favur is-Senegal:

- It-tnedija tal-proġett MAV+ (Produzzjoni u aċċess għall-vaċċinazzjoni, mediċina u teknoloġija tas-saħħa) li jammonta għal 25 miljun Ewro

- 30 miljun Ewro oħra bħala appoġġ lill-gvern tas-Senegal fl-isforzi tiegħu sabiex jipprevjeni l-immigrazzjoni irregulari

L-Awtortajiet Senegaliżi u Team Europe (l-UE u l-Istati Membri tagħha) tellgħu l-ewwel **Djalogu Annwali ta' Sħubija** mal-amministrazzjoni l-ġdida fit-28 ta' Jannar 2025 ġewwa Dakar. Huma tkellmu dwar kif l-UE u s-Senegal jistgħu jikkollaboraw sabiex jintlaħqu l-miri tal-'**Viżjoni Senegal 2050**' fir-rigward tal-kompetittività, il-kwalità tal-kapital uman u l-iżvilupp territorjali u nazzjonali kif ukoll il-kundizzjoni tal-għajxien tal-poplu Senegaliż. Suġġetti oħra diskussi kienu l-migrazzjoni, il-ħolqien tax-xogħol, it-taħriġ tan-nisa u ż-żgħażagħ u s-sigurtà reġjonali. Matul dan id-djalogu l-UE ppreżentat il-'**Global Gateway Strategy**' dwar infrastruttura sostenibbli fil-qasam tat-trasport u l-enerġija. L-UE pproponiet ukoll approċċ ħolistiku għall-immaniġjar legali u regulat tal-migrazzjoni filwaqt li titkompla l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregulari. Fl-aħħar tal-laqgħa ż-żewġ naħat wegħdu li se jkomplu d-diskussjoni fid-djalogi settorali regulari rispettivi.

Is-Senegal għandu wkoll **Ftehim ta' Sajd Sostenibbli (SFPA)** mal-UE li ilu japplika sa mill-2014. Mill-2019 'l hawn ġie applikat fil-qafas tal-Protokoll 2019-2024. Skont dan il-ftehim bastimenti tas-sajd li jxejru l-bandiera tal-UE għandhom jingħataw liċenzja fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tas-Senegal u huma intitolati għal 10k tunnellata ta' tonn u 1,750 tunnellata ta' merluzz iswed f'sena. Biex dan isir, l-UE tħallas €800k għal drittijiet ta' aċċess u €900k sabiex issostni lis-settur tas-sajd Senegaliż f'forom diversi bħal dawk tal-moniteraġġ, riċerka, kundizzjonijiet tas-saħħa, is-sajd artiġjanali u t-taħriġ. Is-sidien tal-bastimeti (minn Spanja, Franza u l-Portugal) ukoll iħallsu kull sena għal-liċenzja, għall-qabdiet u għal osservaturi li jitilgħu magħhom fuq id-dgħajsa.

L-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim u l-protokol tiegħu mmexxija mill-Kummissjoni Konġunta annwali ta' bejn l-UE u s-Senegal topera skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku tal-UE u s-Senegal u r-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Ministeru tas-Sajd u l-Ekonomija Marittima.

Programm ieħor tal-UE li jinvolvi lis-Senegal huwa l-Programm ta' **Kooperazzjoni Interreġjonali MAC (2014-2020)** li huwa mmirat lejn il-gżejjer ta' Madeira, l-Azores u l-Kanarja li ġie addotat mill-Kummissjoni Ewropea f'Settembru 2022 bil-kooperazzjoni addizzjonali tal-Kape Verde, il-Kosta tal-Ivorju, il-Gambja, il-Gana, il-Mawritanja, is-Sao Tome y Principe u s-Senegal. Huwa partikularment immirat li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn dawn ir-reġjuni u jiffaċilita r-relazzjonijiet politiċi, istituzzjonali u ekonomiċi tagħhom.

***Il-Kape Verde u l-UE***

Fl-2005 il-President Portugiż għamel petizzjoni sabiex l-Unjoni Ewropea tibda taħdidiet mal-Kape Verde dwar Sħubija Sħiħa fl-UE. Għalkemm is-sħubija qatt ma ġiet aċċettata, iżda lanqas ma ġiet miċħuda formalment.

Minkejja d-diffikultà li tista' tiltaqa' magħha applikazzjoni bħal din, xorta waħda setgħet ġibdet is-simpatija tal-UE u tat vantaġġ politiku lill-Kape Verde fir-relazzjoni tagħhom mal-UE.

Politikament, l-UE għandha **Ftehim Speċjali ta' Sħubija** mal-Kape Verde sa mill-2007. L-għan huwa ta' djalogu kontinwu li jinvolvi diversi oqsma. Fil-fatt dan huwa l-uniku ftehim tat-tip tiegħu ma' pajjiż Afrikan. Huwa bbażat fuq sitt pilastri: il-governanza t-tajba, is-sigurtà u l-istabilità, l-integrazzjoni reġjonali, il-konverġenza teknika u ta' politika ta' standards, is-soċjetà bbażata fuq l-għarfien, il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli. Fl-2017 iż-żewġ naħat ftehmu dwar 3 oqsma ta' kooperazzjoni: (1) l-investiment, l-impjiegi u t-tkabbir; (2) il-governanza tal-oċeani u l-ekonomija l-blu u (3) ir-riforma fl-amministrazzjoni. Bis-saħħa ta' dan il-qafas ta' sħubija, ġie addotat Pjan ta' Azzjoni ta' Sigurtà u Stabbiltà waqt Laqgħa Ministerjali fil-Lussemburgu 2015.

Fl-2008 l-UE u l-Kape Verde iffirmaw patt ta' **Sħubija tal-Mobbiltà** li wassal għal ieħor fl-2021 li jinkludi faċilitazzjoni tal-akkwist tal-Visa għal perjodu qasir u l-ftuħ ta' ċentri tal-Visas immexxija mill-Portugal. Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2022.

Ekonomikament, 80% tal-kummerċ tal-Kape Verde huwa mal-UE. L-istess pajjiż esporta 95% tal-prodotti tiegħu lejn l-UE fl-2020 (il-Bank Dinji u Eurostat) speċjalment f'ħut.

Il-pajjiż huwa wkoll wieħed minn 9 li jistgħu jibbenefikaw wkoll mis-**Sistema Ġenerali ta' Preferenzi** tal-UE billi jesporta prodotti li huma eżentati minn ħlasijiet doganali. Din l-eżenzjoni hija mogħtija biss jekk jiġu sodisfatti l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, tal-ħaddiema, il-governanza t-tajba u l-ħarsien tal-ambjent. Il-Kape Verde fil-fatt huwa l-uniku pajjiż Afrikan li jibenifika minn din il-faċilità. Iktar minn 70% tal-prodotti fis-suq tal-UE jibbenefikaw mill-SĠP+.

Fir-rigward tal-**Green Deal** tal-UE li jimmira sabiex ma jkun hemm ebda effett tal-emissjonijiet serra sal-2050, taħt il-pilastru tal-Ekonomija Blu u l-Oċeani, il-Kape Verde żviluppa proġetti fil-qasam tal-klima, transizzjoni tal-enerġija u eko-sistemi. Meta mwaħħad mal-ftehim dwar is-sajd din il-kollaborazzjoni qed twassal għat-tħaddim ta' diversi proġetti li jwasslu għal kummerċ, ħolqien ta' mpjiegi, għarfien xjentifiku, bio-diversità u sigurtà marittima fost oħrajn.

Il-**Fond ta' Żvilupp tal-UE** jinkludi kontribuzzjoni mill-Istati Membri ma' pajjiżi mill-Afrika, mill-Karibew u mill-Paċifiku (magħrufa bħala **ACP**) u ffinanzjar ta' proġetti. Barraminhekk, il-programm '**Budget Support**' jagħti flejjes direttament lit-Teżor tal-Kape Verde li min-naħa tiegħu jassikura l-immaniġjar għaqli tal-finanzi pubbliċi. Il-'Budget Support' huwa l-ikbar kontribuzzjoni finanzjarja lill-Kape Verde u jirrappreżenta 95% ta' tali kontribuzzjonijiet. Minn dawn €14-il miljun ġew allokati għal kontribuzzjoni ta' emerġenza f'każ ta' Nixfa u Għargħar. Is-somma kollha li ngħatat tammonta għal Eur55 miljun.

Il-Ftehim ta' **Sħubija dwar Sajd Sostenibbli** huwa msemmi fit-tweġiba għal mistoqsija Nru. 1 tal-MP tal-gvern fil-paragrafu dwar il-Kape Verde li jien laqqamt 'it-tieni sfida'.

Il-Programm ta' **Kooperazzjoni Interreġjonali MAC** (2014-2020) huwa mmirat lejn il-gżejjer ta' Madeira, l-Azores u l-Kanarja u li diġà tajt informazzjoni dwaru fil-każ tas-Senegal hawn fuq fl-istess tweġiba għal din il-mistoqsija u li jinkludi baġit ta' €112 miljun. Il-Kape Verde pparteċipa fi 42 proġett. Fil-fatt kien l-aktar pajjiż terz li ħa l-opportunità mis-sħubija magħhom.

Il-Kape Verde jibbenifika wkoll minn numru ta' proġetti bħala parti mill-**PALOP-TL** – Programm tal-UE li jagħti sostenn lil proġetti kulturali bħal gruppi mużikali, gastronomija u xogħol tal-id fost oħrajn. Dan il-programm huwa mmirat lejn pajjiżi Afrikani li jitkellmu bil-Portuġiż.

*<u>Kif iż-żewġ pajjiżi jistgħu jsaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?</u>*

Iż-żewġ pajjiżi huma ġirien. Minkejja li s-Senegal iħaddan il-lingwa Franċiża u l-Kape Verde dik Portugiża xorta waħda s-Senegal huwa osservatur fl-Għaqda Dinjija tal-Pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż minħabba r-reġjun ta' Casamance. Iż-żewġ pajjiżi għandhom storja ta' stabbiltà politika kbira. U ż-żewġ pajjiżi għandhom rabtiet li jistgħu jissejħu ferm speċjali u spissi mal-UE. Jistgħu wkoll it-tnejn jissejħu bħala Stati Afrikani eżemplari u li l-politika tagħhom timxi ħafna f'sintonija ma' dik tal-UE. Is-Senegal huwa wkoll pajjiż li l-Punent jista' jserraħ xi ftit jew wisq fuqu fejn jidħol appoġġ fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-kontroll tat-terroriżmu u fruntieri fis-Saħel.

B'mod oġġettiv il-politika taż-żewġ pajjiżi timxi b'mod paralelli ma' dawk kemm ta' pajjiżna kif ukoll tal-UE. Dejjem jibqa' wisgħa għal tisħiħ tar-relazzjonijiet, iżda l-kooperazzjoni li diġa' hemm bejn l-UE hija pedament tajjeb ħafna u iktar qrubija fl-idejat u l-binarji politiċi bla dubju jistgħu biss iwasslu għal avvanz fiż-żewġ pajjiżi minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom speċjalment fil-każ tal-Kape Verde.

Fuq bażi dinjija ż-żewġ pajjiżi jikkollaboraw flimkien kemm fuq bażi bilaterali kif ukoll multilaterali. Fost oħrajn,

*<u>Għaqdiet dinjija li ż-żewġ pajjiżi huma membri tagħhom huma:</u>*

- ACP (*African, Caribbean and Pacific Group of States)* – il-membri kollha minbarra Kuba huma wkoll membri tal-Ftehim ta' Sħubija mal-UE magħruf bħala l-Ftehim ta' Cotonou)
- AU
- CPLP (*Community of Portuguese Language Countries*) - Senegal huwa biss osservatur minħabba ż-żona ta' Casamance
- ECOWAS
- FAO
- G-77 (koalizzjoni ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li tippromwovi l-interessi ekonomiċi kollettivi tagħhom u tibni kapaċità ta' negozjar konġunta fil-Ġnus Magħquda – is-Senegal huwa membru fundatur)
- ICCt (*International Centre for Counter-Terrorism*) – Senegal huwa sinjatarju biss
- IFAD (*International Fund for Agricultural Development*),
- IFRCS (*International Federation of Red Cross & Red Crescent Societies*)
- ILO
- IMF
- IMO
- Interpol
- IOM (*International Organisation for Migration*)
- IPU (*Inter Parliamentary Union*)
- NAM (*Non-Aligned Movement*)
- UN
- UNCTAD (*UN Trade & Development*) – għal pajjiżi li qed jiżviluppaw
- UNESCO
- UNHCR (*Refugee Agency*)
- UNIDO (*Industrial Development Organisation*) għal pajjiżi li qed jiżviluppaw
- UNWTO (*World Tourism Organisation*)
- WHO
- WTO

*<u>Is-Senegal waħdu huwa wkoll membru, fost oħrajn ta':</u>*

- EITI (*Extractive Industries Transparency Initiative*) organizzazzjoni bbażata n-Norveġja li tfittex li tistabilixxi standard globali għall-governanza t-tajba fis-suq taż-żejt, il-gas u r-riżorsi minerali fis-setturi estrattivi. F'dan il-każ is-Senegal għadu biss kandidat.

- G-15 (*The Group of 15*) - Forum informali li jippromwovi kooperazzjoni u kuntatt ma' gruppi internazzjoni bħall-WTO u l-G-7 li ġie stabbilit matul id-9sa' Laqgħa Għolja tal-Moviment Non-allinejat (NAM) 1989 u huwa kompost minn membri mill-Amerika Latina, l-Afrika u l-Asja. Jiffoka fuq is-setturi tal-investiment, il-kummerċ u t-teknoloġija. Bħalissa fih 17-il membru minħabba żieda u tnaqqis iżda baqa' jissejjaħ G-15.

- UNAMID (*UN African Union Mission in Darfur*)
- UNHRC (*UN Human Rights Council*)
- UNMIL (*UN Mission in Liberia*)
- UNMISS (*UN Mission in South Sudan*)
- UNOCI (*UN Operation in Cote d'Ivoire*)

- WAEMU (*West African Economic and Monetary Union*) - il-membri kollha huma wkoll membri tal-ECOWAS

*Il-Kape Verde waħedhom huma wkoll, fost oħrajn, membri ta':*

- AOSIS (*Alliance of Small Island States*)

Billi Malta hija wkoll membru ta' ħafna mill-għaqdiet dinjin, ovvjament apparti dawk militari jew dawk li jirrikjedu ċerta kriterji li Malta m'għandhiex, il-kommunikazzjoni tista' tkun waħda spissa jekk meħtieġa.

**10.Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Jien dħalt naħdem mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ftit qabel ma Malta ħadet f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Ġewwa l-Ministeru kont '*Desk Officer'* u l-ewwel għamilt xi xhur naħdem fuq il-ħames pajjiżi tat-Tramuntana tal-Afrika u l-kumplament taż-żmien fuq il-pajjiżi Afrikani 'l isfel mis-Saħara. Fil-fatt sa dak iż-żmien politiċi Maltin kienu żaru biss mal-20 pajjiż fl-Afrika mill-Indipendenza fl-1964. B'inizjattiva personali tiegħi kif ukoll bi preparazzjoni għal żjarat li setgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien jien kont ippreparajt il-parti ġenerali tal-'*briefs*' dwar il-kumplament tal-pajjiżi l-oħra kollha (29) għajr wieħed minnhom. Fil-fatt xi wħud minn dawn il-pajjiżi li kont ippreparajt minnhom ġejt bżonnhom wara meta Malta mexxiet il-21 Laqgħa ta' Djalogu Ministerjali bejn l-ECOWAS (Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent) u l-UE li ttellgħet fl-4 t'April 2017. Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin ta' dakinhar kien l-Onor. George Vella. Dak iż-żmien l-ECOWAS kienet tikkonsisti minn 15-il pajjiż, bi tnejn minnhom ikunu s-Senegal u l-Kape Verde. Ħdimt ukoll fuq pajjiżi Afrikani b'relazzjoni ma' laqgħat bilaterali tal-Ministru/i jew Prim Ministru Malti fi ħdan l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, fl-okkażjoni ta' ħatriet u preżentazzjoni tal-kredenzjali ta' Ambaxxaturi Maltin jew Afrikani ġodda, fuq '*notes verbales'* lejn pajjiżi Afrikani, kondoljanzi f'każijiet ta' mwiet ta' dinjatarji jew diżastri naturali u awgurji fl-okkażjoni tal-Jum Nazzjonali fost oħrajn. Barraminhekk ikkollaborajt kuljum fi '*briefs*' għall-Prim Ministru, President u Ministru tal-Affarijiet Barranin, attendejt għal-Laqgħat ma' dinjitarji Afrikani u ppreparajt rapporti dwarhom, ippreparajt partijiet mill-Baġit tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin u fil-każ tal-brief jew laqgħat kont nikkomunika fuq bażi regulari ma' Direttorati oħra fosthom dak dwar Affarijiet Globali li huwa nkarigat mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali fost oħrajn, u dak dwar Żvilupp Internazzjonali u Affarijiet Ekonomiċi.

Xogħol ieħor fi ħdan il-Ministeru li għamilt matul dan iż-żmien kienu t-traduzzjoni u l-editjar tad-dokument kollu tal-Baġit tad-Direttorati kollha għal Jum il-Baġit minħabba l-għarfien tiegħi tal-ilsien Malti. Ittraduċejt u addattajt ukoll diversi dokumenti oħra fosthom dawk għall-mezzi tax-xandir u stqarrijiet għall-istampa.

Minħabba l-għarfien tiegħi tal-lingwa Franċiża kont ukoll akkumpanjajt lill-Ministru tal-Finanzi tal-Alġerija għal-Laqgħa tal-ECOFIN 2018 kif ukoll lir-rappreżentant tal-membru Franċiż fil-laqgħa mal-Prim Ministru Muscat tal-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta fl-istess sena.

Matul dan iż-żmien għamilt ukoll ftit xogħol ta' protokol speċjalment fl-okkażjoni tal-attendenza tal-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea Federica Mogherini għall-15-il Laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-5+5 tad-Djalogu tal-Mediterran tal-Punent f'Malta fl-2016.

Fl-1 ta' Jannar 2020 tlajt naħdem bħala Attachée Speċjali ġewwa l-Ambaxxata Maltija f'Berlin anke fid-dawl tal-fatt li dik is-sena l-Ġermanja kien ser ikollha l-presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Hemmhekk kont nieħu ħsieb nattendi regolarment għal '*briefings*' ta' Ministeri differenti Ġermaniżi speċjalment dwar kwistjonijiet u voti fi ħdan l-UE kif ukoll konferenzi organizzati mill-Ġermanja (fosthom dwar l-ikel, il-klima, il-politika u l-pandemija) bħala pajjiż President tal-EU jew bħala Ġermanja nnifisha kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Ġermaniż. Kull '*briefing*' u konferenza kienu akkumpanjati mit-tħejjija ta' rapport sabiex jinqara mill-Ambaxxatur u jintbagħat lill-Ministeru f'Malta. Billi kien żmien il-Covid 19, attendejt ħafna mill-konferenzi virtwalment.

Meta faqqgħet il-pandemija l-Ambaxxata Maltija kienet inkarigata mill-ħruġ ta' diversi ittri ta' awtorizzazzjoni sabiex Maltin barra minn Malta jirritornaw f'pajjiżna anke fl-assenza ta' ċerta dokumenti meħtieġa. Għamilt ukoll diversi Notes Verbales. Barraminhekk, meta battiet il-pandemija kont nagħmel ħafna xogħol konsulari, jiġifieri passaporti, reġistrazzjoni ta' twelid u żwieġ u ċittadinanza minħabba l-fatt illi ħafna Maltin xorta ma setgħux jiġu Malta jġeddu l-passaport jew jiffinalizzaw dokumenti.

Wara li ġejt lura Malta f'Ottubru 2021, iffurmajt parti mill-Uffiċċju tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta. Xogħli kien jikkonsisti f'żewġ partijiet. Kont nikkoordina s-sezzjonijiet kollha meta tiġi ppreparata '*brief*' dwar kwalunkwe pajjiż inklużi l-aħħar żviluppi politiċi fil-pajjiż, is-sezzjoni tal-Visa fosthom kemm ingħataw visas lil ċittadini ta' tali pajjiż f'Malta (fosthom dawk Afrikani), preżenza ta' Maltin fil-pajjiż relattiv, kwistjonijiet individwali konsulari mal-pajjiż in kwistjoni, imwiet u każijiet ta' ħabs u diversi aspetti oħra jekk jeżistu. It-tieni rwol tiegħi f'din is-Sezzjoni kienet ta' Head of Unit li fost oħrajn kienet tinkludi rapport tax-xahar u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-baġit għall-Ministeru. Tali miżuri nkludew l-organizzazzjoni ta' Forum Onlajn ta' Żgħażagħ Maltin li Jgħixu Barra minn Malta li minnha nnifisha involviet xogħol massiċċ fuq il-produzzjoni ta' video ta' promozzjoni qabel il-Forum. Xogħol ieħor ikkonsista f'rapport ta' vijabilita' dettaljat għas-Segretarju Permanenti dwar l-organizzazzjoni ta' ċerimonji ta' Ċittadinanza f'ċerti Ambaxxati Maltin, l-ordni ta' materjal ipprintjat li jista' jitqassam f'tali ċerimonji u koordinament ma' Heritage Malta dwar pubblikazzjoni apposta għal tali ċerimonji biex tiġi mogħtija lil ċittadini ġodda waqt din iċ-ċerimonja. Xogħol ieħor inkluda t-tħejjija tal-messaġġ tal-aħħar tas-sena tal-Prim Ministru, President u Ministru tal-Affarijiet Barranin lill-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u koordinament mal-uffiċċju tal-President u tal-Prim Ministru għat-teħid finali ta' tali vidjow, kif ukoll it-traduzzjoni tad-diskors għall-Ingliż.

**11.Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?**

Fil-preżent ma nokkupa ebda kariga u għalhekk ma jeħtiġlix nirreżenja minn ebda kariga. Illum jien impjegata tal-RSSL u naħdem ġol-Uffiċċju Legali tal-Uffiċċju Konġunt li ftit xhur ilu kiseb l-istatus ta' entità governattiva awtonoma.

**12.Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?**

M'għandi ebda attivitajiet kummerċjali li jistgħu jirriżultaw konfliġġenti. Jien kittieba u pubblikattriċi ta' kotba dwar il-lingwa Maltija għall-barranin li s-suq tagħhom huwa ferm limitat għalkemm xorta internazzjonali. Ġieli nkun attiva fil-qasam turistika bħala gwida turistika li huwa xogħol marbut ma' Malta u għandi wkoll dħul minn kera li bl-ebda mod ma' jista' joħloq kunflitt ta' interess.

**13.Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?**

Ma għandi ebda u qatt ma kelli rabtiet jew investimenti kummerċjali ma ebda pajjiż u b'hekk lanqas ma' dawn iż-żewġ pajjiżi.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Senegal u l-Kape Verde?**

Ir-rwol ta' Ambaxxatur non-residenti huwa bħal dak ta' Amabaxxatur residenti. Ir-rwol, il-privileġġi u l-awtoritajiet tiegħu jaqgħu taħt il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi 1961. L-Ambaxxaturi huma diplomatiċi tal-ogħla livell li jirrappreżentaw lill-Kap ta' Stat tagħhom u lill-gvern (imsejħa wkoll 'plenipotenzjarji'). Ambaxxatur non-/residenti jirrappreżenta lil pajjiżu fil-pajjiż li huwa akkreditat għalih, jiddefendi l-interessi tal-istat li qed jirrappreżenta f'dak il-pajjiż u ċittadini li jirrisjedu f'dak il-pajjiż f'każ ta' bżonn kif ukoll jinnegozja f'isem il-gvern ta' pajjiżu mal-pajjiż li huwa akkreditat għalih. Rwol ieħor tal-Ambaxxatur huwa li jirrapporta lill-gvern tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-pajjiż akkreditat u li jaħdem għal rabtiet dejjem aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi. L-istess rwol ta' Ambaxxatur non-/residenti ma fihx poteri eżekuttivi u għalhekk ma jistax jiddeċiedi għall-gvern jew iwiegħed ftehimiet. Huwa purament xogħol ta' rappreżentazzjoni fil-pajjiż akkreditat u ta' assikurazzjoni li jitjiebu r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi jew aktar.

Id-differenza bejn l-Ambaxxatur residenti u dak non-residenti hija aktar waħda ta' preżenza o meno fil-pajjiż li huwa/hija akkreditat/a għalih. Min-naħa l-oħra, b'differenza mill-Konslu, l-Ambaxxatur jaħdem aktar mal-gvern tal-pajjiż akkreditat u l-istituzzjonijiet tiegħu milli ma' każi individwali.

Ir-rwol ta' Ambaxxatur jiddependi ħafna fuq l-istat li jkun akkreditat għalih.

F'dan il-każ, għalkemm l-Afrika huwa kontinent primarjament magħruf għall-immigrazzjoni irregolari jew illegali u problemi tat-tibdil fil-klima u diżastri naturali, daqstant ieħor huwa kontinent magħruf għal abbundanza ta' riżorsi naturali, popolazzjoni żagħżugħa dejjem tiżdied, żviluppi f'kull qasam minn diversi pajjiżi u potenzjal kbir ta' pajjiżi ġodda għal esportazzjoni ta' prodotti Maltin. Barraminhekk, l-Afrika toffri wkoll diversità ta' kulturi u sitwazzjonijiet li normalment jitpoġġew wisq f'keffa waħda fil-psike Ewropea filwaqt li ninsew li għadd kbir minn dawn il-pajjiżi huma sodi politikament u ekonomikament.

Ir-rwol ta' Ambaxxatur mhux residenti għandu proprju jindirizza l-isfidi filwaqt li jisfrutta l-opportunitajiet. Il-vantaġġ ta' pajjiżi bħal dawn huwa li huma artijiet ġodda li qatt ma ġew esplorati qabel diplomatikament, politikament u ekonomikament. Għalhekk il-fatt illi kollox kważi huwa bidu ġdid, il-ġid li jista' jsir huwa wkoll kważi indefinit.

***<u>L-ewwel rwol: Żjarat, laqgħat u parteċipazzjoni f'fora</u>***

Fil-każ ta' pajjiżi Afrikani Frankofoni jew li jitkellmu l-Portugiż m'hemmx opportunità biżżejjed illi niltaqgħu diplomatikament u politikament daqskemm niltaqgħu ma' pajjiżi Afrikani eks-kolonji tal-Ingilterra fil-*Commonwealth*.

Iżda, fuq il-livell purament diplomatiku:

1. Il-**ħatra nnifisha** ta' Ambaxxatriċi għal dawn il-pajjiżi u l-preżentazzjoni tal-kredenzjali jgħaddu l-messaġġ li l-Istat Malti jirrikonoxxi l-kisbiet ta' dawn l-istati Afrikani u r-rieda li jkun hemm aktar qrubija f'kull sens magħhom.

2. L-Ambaxxatur għandu jsegwi l-**ġurnali** ta' kuljum tal-pajjiż kif ukoll xi ġurnali/siti/stastistika ta' organizzazzjonijiet dinjin relevanti sabiex isir jaf bi żviluppi relevanti għal Malta.

3. Il-preżenza tal-Ambaxxatur mhux biss fil-pajjiż imma anke f'**konferenzi** u f'fora internazzjonali bħall-Ġnus Magħquda jew il-Laqgħa Għolja tal-UE u l-Unjoni Afrikana kif ukoll f'fora interni fl-

Afrika bħal dak tal-ECOWAS tista' biss tkompli ssaħħaħ tali impenn għal relazzjonijiet aħjar. Tali preżenza m'hemmx bżonn tkun fiżika iżda tista' wkoll tkun virtwali. Tali laqgħat jistgħu anke jkunu laqgħat fl-Ewropa u mhux neċessarjament fl-Afrika. Fir-rigward tas-Senegal jeżistu wkoll laqgħat imsejħa ta' **Djalogu Annwali ta' Sħubija** bejn l-Awtortajiet Senegaliżi u Team Europe li jsiru fuq bażi regulari. L-istess jista' jingħad f'laqgħat tad-**Delegazzjonijiet tal-UE** fis-Senegal jew fil-Kape Verde.

4. Il-parteċipazzjoni f'laqgħat għandha ovvjament tkun segwita b'**rapporti** dwar tali laqgħa.

5. L-Ambaxxatur mhux residenti nemmen li għandu wkoll iżomm relazzjoni tajba mal-**Ambaxxatur tas-Senegal akkreditat għal Malta** ġewwa Ruma, mal-Ambaxxatur għall-Kape Verde (li jidher li mhux maħtur) kif ukoll mal-konsli rispettivi jekk u meta dawn huma jew ikunu maħturin.

6. Barraminhekk, qrubija u ħbiberija ma' **Ambaxxaturi oħra speċjalment ta' pajjiżi oħra Ewropej residenti fis-Senegal u l-Kape Verde** kif ukoll ma' rappreżenti t'**Organizzazzjonijiet Dinjin jew Banek**, fost oħrajn, residenti fiż-żewġ pajjiżi jew li jispeċjalizzaw fihom dejjem ikomplu jgħinuna fil-ħidma tagħna.

***<u>It-tieni rwol: għarfien u tagħrif fuq bażi lokali</u>***

Ambaxxatur/riċi ta' tali pajjiżi tista' tkun aktar pro-attiva u tħeġġeġ iktar għarfien f'Malta stess dwar il-pajjiżi in kwistjoni u l-Afrika in ġenerali. Dan sabiex ix-xbieha tal-pajjiżi Afrikani ma tibqax biss waħda ta' nies bil-ġuħ li qed jistennew lilna biex nagħmlu karità magħhom. Tali għarfien jista' jsir f'diversi forom – minn wirjiet f'postijiet pubbliċi f'Malta, intervisti fuq ir-radju u t-televiżjoni sa taħdidiet fl-iskejjel li kollha kemm huma ma jiswewx flus.

Parteċipazzjoni ta' persuni mis-Senegal u mill-Kape Verde f'dan il-każ f'festivals lokali tal-ikel, tal-mużika jew wirjiet tal-arti jew f'avvenimenti sportivi jirrikjedu iktar ħidma ma' kumpaniji tal-gvern Maltin bħalma hija Festivals Malta jew ma' entitajiet oħra bħall-Kunsill Malti tal-Arti u/jew għaqdiet sportivi. Din il-parteċipazzjoni żżid il-viżibiltà tal-pajjiż fostna. F'dan il-każ jista' anke jgħin il-programm Ewropew PALOP-TL imsemmi fit-tweġiba għal mistoqsija 9 tal-gvern.

***<u>It-tielet rwol: Turiżmu bejn Malta u s-Senegal/Kape Verde</u>***

Billi Malta, is-Senegal u l-gżejjer tal-Kape Verde huma lkoll pajjiżi fejn it-turiżmu jikkostitwixxi parti sostanzjali tal-ekonomija, għandu jkun hemm aċċenn speċifiku fuq dan is-settur bil-possibiltà (a) ta' rotot turistiċi ġodda minn Malta lejn dawn il-pajjiżi kif ukoll bil-possibiltà ta' (b) boroż ta' studju, (ċ) prattika jew (d) offerti temporanji jew permanenti ta' xogħol għal studenti Maltin, Senegaliżi u Kape Verdjani fil-qasam tat-turiżmu. Dan l-aspett iddiskutejtu wkoll fit-tweġiba tiegħi għal mistoqsija 8 tal-Gvern.

***<u>Ir-Raba' rwol: esportazzjoni, importazzjoni, materja prima u produzzjoni</u>***

Rwol attiv li jista' jieħu Ambaxxatur fiż-żewġ pajjiżi huwa li jistieden investituri Maltin u Għawdxin anke permezz taż-żewġt ikmamar tal-kummerċ tagħhom biex jingħaqdu miegħu għal delegazzjoni kummerċjali lejn wieħed mill-pajjiżi jew it-tnejn. Kif diġà ddiskutejt fit-tweġiba tiegħi għal mistoqsija 5 tal-MP tal-gvern hawn fuq, iż-żewġ pajjiżi joffru potenzjal li mhux ta' min jitwarrab għall-investituri Maltin. Min-naħa l-oħra ma nistgħux neskludu li investituri minn dawn iż-żewġ pajjiżi jinvestu f'pajjiżna jew billi jimportaw il-prodotti tagħhom lejna, jew billi jbigħulna materja prima, jew billi jużaw Malta għall-ħażna tal-prodotti tagħhom qabel ma jitilqu lejn l-Ewropa jew partijiet oħra tad-dinja.

***Il-ħames rwol: Iffaċilitar ta' mobbiltà bejn iż-żewġ pajjiżi.***

Oqsma oħra li l-Ambaxxatur mhux residenti jista' jikkollabora fihom huma ħaddiema/studenti Afrikani minn dawn il-pajjiżi li jiġu legalment permezz ta' viża (anke għal żmien qasir) jaħdmu f'pajjiżna bħal f'oqsma fejn hemm nuqqas ta' ħaddiema jew jistudjaw. Għal dawn il-pajjiżi d-dħul minn qraba li jaħdmu f'pajjiżi Ewropej li jibagħtu l-flus lil qrabathom jista' jkun sostanzjali bħal fil-każ tal-Kape Verde. Huwa proprju għal din ir-raġun li mal-Kape Verde diġà jeżisti ftehim preferenzjali ħafna fuq livell ta' UE.

L-iffaċilitar ta' dan id-dokument direttament iwassal għal iktar turiżmu bejn iż-żewġ naħat, iktar mobbiltà kummerċjali u ta' diversi studenti (fosthom dawk universitarji) kif ukoll ħaddiema jew persuni interessati f'addozzjoni.

***Is-sitt rwol: Edukazzjoni u għajnuna finanzjarja lis-Senegal u l-Kape Verde.***

***Is-Senegal***

Mingħajr ma nagħtu l-impressjoni li l-istati Afrikani għandhom bżonn l-għajnuna tagħna biex jirnexxu, huwa fatt illi s-Senegal statistikament kellu madwar 58% biss tal-popolazzjoni 'il fuq mill-15-il sena li jafu jaqraw u jiktbu fis-sena 2022 (Sit elettroniku Bank Dinji onlajn u sorsi oħra). Madanakollu l-istatistika turi wkoll illi r-rata tal-popolazzjoni litterata qed tiżdied konsiderevolment iktar ma jgħaddi ż-żmien.

Billi t-tieni lingwa fis-Senegal m'hijiex l-Ingliż, Malta hija kemxejn limitata sabiex u meta tipprovdi edukazzjoni lis-Senegal. Minkejja dan m'hemm xejn xi jwaqqaf lil persuni Maltin li huma interessati jgħaddu żmien jgħallmu l-lingwa Ingliża, bil-flus jew mingħajr flus, f'dan il-pajjiż jew ħiliet oħra fosthom tal-id jew fit-turiżmu milli jitħallew jagħmlu dan. Bħal dejjem din il-ħidma tista' tiġi wkoll mżewġa ma' għajnuna oħra lil partijiet żvantaġġjati fil-pajjiż fejn jista' joffri ħidmietu l-volontarjat Malti.

Statistika uffiċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa turi li s-Senegal fl-isptarijiet tiegħu kellu **3 sodod għal kull għaxart elef persuna fl-2008** li tiġi waħda mill-inqas rati ta' sodod fl-Afrika b'ħafna pajjiżi kbar oħra Afrikani jlaħħqu perċentwali ferm ogħla fosthom iż-Żimbabwe (30 fl-2006) u t-Tanzani (11 fl-2006). Il-Kape Verde wkoll laħħqu 21 sodda fl-isptarijiet għal kull 10t elef persuna 2008. Dan meta mqabbel ma' Malta li għandha 4.8 sodod għal kull elf ruħ. Żgur li fil-qasam tas-Saħħa Malta tista' tgħin bil-kbir lis-Senegal kemm permezz ta' taħriġ ta' persuni f'pajjiżna, volontarjat jew ħidma mħallsa ta' persuni mill-qasam tas-saħħa Maltin fis-Senegal kif ukoll permezz ta' għotjiet mill-gvern jew mill-pubbliku fil-qasam tal-isptarijiet.

L-UE u l-Bank ta' Investiment Ewropew iffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom fl-2022 waqt il-**Forum Dinji tal-Ilma** fejn flimkien sellfu €70 miljun lis-Senegal sabiex itejjeb il-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb ġewwa l-pajjiż. Għalkemm il-pajjiż jieħu l-ilma bis-serjetà tant li għandu Ministeru ddedikat apposta għall-provvista tal-ilma, tali ftehim huwa mmirat sabiex jagħti aċċess ta' ilma tajjeb għax-xorb lil 183,000 ruħ fis-Senegal li s'issa għadhom m'għandhomx dawn il-faċilitajiet. Dan huwa wkoll qasam fejn nistgħu ngħinu bħala pajjiż li minkejja r-riżorsi limitati jipprovdi l-ilma għalih innifsu. Dan nistgħu nagħmluh kemm permezz ta' qsim ta' għarfien tekniku u riċerka kif ukoll permezz ta' għotjiet mill-gvern jew volontarjat Malti u filantropija.

Statistika bħal din flimkien mal-vulnerabbiltà ta' dan il-pajjiż għat-tibdil fil-klima u statistika oħra, fosthom dik tal-**Programm ta' Żvilupp tal-Ġnus Magħquda (UNDP)** tal-2023 juru li l-faqar multi-dimensjonali (dak mhux biss tal-flus iżda wkoll ta' aċċess għal sptarijiet, edukazzjoni u standard tal-għajxien) jaffettwa 50.8% tal-popolazzjoni, b'differenza kbira ta' rati bejn iż-żoni rurali u dawk urbani. Fl-irħula n-nies huma ferm ifqar. Fl-2019 32% tal-popolazzjoni kienet tgħix b'$1.90 jew inqas kuljum.

Hawnhekk ukoll nistgħu nikkontribwixxu filantropikament u nqisu lil dan il-pajjiż fid-donazzjonijiet tagħna bħala gvern jew bħala poplu.

Flimkien ma' għajnuna finanzjarja tal-gvern jew fondi miġbura minn organizzazzjonijiet non-governamentali Malta permezz tar-rappreżentanza diplomatika tagħha tista' wkoll tgħin lil żoni rurali f'dan il-pajjiż bil-mod tradizzjonali kif nafu aħna. Iktar kuntatti mal-pajjiż faċilment ifissru aktar faċilitazzjoni ta' għajnuna minn Malta li bħal dejjem tista' ma tkunx biss finanzjarja.

***Il-Kape Verde***

Il-popolazzjoni litterata fil-Kape Verbe però hija ta' 91% u għalhekk dan il-pajjiż ma jeħtieġlu ebda għajnuna partikulari f'dan il-qasam. Ir-rata tal-popolazzjoni li tgħix f'faqar estrem (b'$1.90 jew inqas kuljum) waqgħet minn 22.6% fl-2015 għal 11% fl-2022. Din il-mira ġiet milħuqa speċjalment b'investiment dejjem akbar fil-protezzjoni soċjali. Wara l-pandemija il-KV waqqfu Strateġija Nazzjonali għall-Qerda tal-Faqar Estrem (2022-2026) li tinvolvi l-bini ta' infrastruttura sostenibbli, edukazzjoni, sostenn għall-kumpaniji lokali u assistenza soċjali għal persuni vulnerabbli. Huwa pajjiż li ftit li xejn jeħtieġ għajnuna minna għajr kooperazzjoni f'diversi oqsma speċjalment dawk edukattivi u kummerċjali bħall-offerta ta' boroż ta' Studju anke fi ħdan l-Istitut tal-Gżejjer u l-Istati ż-Żgħar ġewwa l-Università ta' Malta kif ukoll diskussjonijiet u fora fejn jiġu diskussi l-esperjenzi ta' żewġ stati żgħar li huma gżejjer u arċipelgi, il-mod kif irnexxew mhux biss politikament iżda wkoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-qerda tal-faqar f'ekonomija limitata.

***Is-seba' rwol: faċilitazzjoni ta' addozzjoni***

Għalkemm in-numru ta' familji Maltin li jistgħu jkunu interessati jaddottaw tfal mhux kbir, xorta waħda dawn il-familji jkunu ferm kuntenti jekk il-ħolma ta' ħajjithom tista' sseħħ. Dan huwa impenn soċjali f'Malta li jista' jgħin fih l-Ambaxxatur. Jekk ikun hemm ir-rieda min-naħa ta' pajjiżna nemmen li negozjati dwar addozzjoni ta' tfal minn dawn il-pajjiżi għandhom ikunu mogħtija l-importanza li jixraqilhom. Hija att karitattiv li minnu jibbenefikaw kemm il-familji Maltin kif ukoll it-tfal.

***It-tmien rwol: Immigrazzjoni irregolari u għajnuna uminatarja***

Fil-qasam tal-intern, għajnuna umanitarja u militari s-Senegal għandu xi żoni li jmissu mal-Mawritanja, mal-Mali u l-Gambja, fost oħrajn. Huwa pajjiż li jesperjenza wkoll ħafna ċaqliq intern minħabba katastrofi u minħabba s-separatisti f'Casamance. Ir-rwol tas-Senegal f'dan ir-reġjun tal-Afrika huwa bla dubju imprezzabbli fejn jidħol dan il-qasam. Is-Senegal jgħin u jibgħat missjonijiet militari f'kollaborazzjoni mal-Ġnus Magħquda f'diversi postijiet fl-Afrika hekk kif elenkat fit-tweġiba għall-mistoqsija 9 tal-MP tal-gvern. Minn dan il-lat pajjiżna għandu ħafna interessi. Apparti taħriġ militari u għajnuna umanitarja, relazzjonijiet tajba mas-Senegal jistgħu jipprovdulna informazzjoni u intelliġenza, assistenza u tagħrif dwar l-aħjar mod kif tista' tingħeleb l-isfida tal-immigrazzjoni irregolari. Jista' jgħinna anke loġistikament f'każ li jinħoloq il-bżonn li nibagħtu għajnuna uminatarja u jassikura li tali għajnuna tasal. Ovvjament, il-Kape Verde huma iktar limitat militarjament u fil-provvista ta' għajnuna umanitarja għalkemm huwa wkoll sieħeb relevanti ħafna għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.

**2.Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u s-Senegal u l-Kape Verde?**

Din il-mistoqsija diġà ġiet imwieġba fir-risposta tiegħi għall-mistoqsija numru 4 tal-gvern.

**3.Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mas-Senegal u l-Kape Verde?**

Din il-mistoqsija hija simili għall-mistoqsija numru 5 tal-Membri Parlamentari tal-gvern.

**4.X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan il-korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

Din il-mistoqsija diġà rrispondejtha dettaljatament fir-risposta tiegħi għall-mistoqsija numru 10 tal-Membri Parlamentari min-naħa tal-gvern.

Nista' biss inżid li fir-rigward ta' taħriġ fid-Diplomazija jiena studjajt l-Istudji Ewropej fuq livell ta' Baċċellerat flimkien mal-Liġi. Għamilt ukoll il-Masters (imsejjaħ *Magister Juris*) fil-Liġi Ewropea li wkoll daħal f'ħafna oqsma li jmissu mad-Diplomazija.

Kont bdejt il-kors ta' Masters fid-Diplomazija imma minħabba l-fatt li kien hemm ħafna ripetizzjoni miż-żewġ korsijiet imsemmija ma komplejtux. Kont għamilt ukoll xi korsijiet qosra oħra dwar id-diplomazija billi dejjem kien jinteressani dan il-qasam. Barra minn hekk għamilt il-*post graduate* tal-Interpretazzjoni tal-Istituzzjonijiet Ewropej fl-Università ta' Malta.

**5.Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fis-Senegal u l-Cape Verde u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fis-Senegal u l-Kape Verde?**

Le, qatt ma żort dawn iż-żewġ pajjiżi s'issa iżda għandi esperjenza kbira fl-ivvjaġġar lejn pajjiżi mbiegħda li xi wħud minnhom żort anke waħdi. Wieħed mill-pajjiżi mbiegħda li żort dan l-aħħar kienet l-Afrika t'Isfel li żort ma' grupp. M'għandi ebda rabtiet kummerċjali jew ta' xorta oħra ma' dawn iż-żewġ pajjiżi.

**6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

Direttament le. Indirettament ħafna matul xogħli fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin iva.

**7.Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Ħafna mill-impjiegi tiegħi kienu mal-Istat Malti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.1.2025 | sal-lum | Resource Support & Services Ltd. | Manager – Legal Procurator |
| 8.10.2014 | 31.12.2024 | MIMCOL | Manager – Legal Procurator |
| 1.10.2013 | 7.10.2014 | Bord tal-Koperattivi | Administrative Manager |
| 17.7.2013 | 30.9.2013 | Bord tal-Koperattivi | Membru |
| 22.1.2001 | 5.3.2013 | Ministeru tal-Edukazzjoni | *Supply Teacher* |
| 25.11.1997 | 3.7.1998 | Ministeru tal-Edukazzjoni | *Supply Teacher* |

**8.Tista' tindika jekk qattx kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' xi Ministru jew Segretarju Parlamentari imma kont kandidata jien stess.

**9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Senegal u l-Kape Verde?**

Fil-mument naħdem fis-sezzjoni legali tal-Uffiċċju Konġunt bħala Prokuratur Legali. Naħdem xogħol ta' riċerki notarili u fuq kawżi tal-Qorti. Ma għandi ebda kariga oltre dan ix-xogħol. Beħsiebni nżomm ix-xogħol kollu billi ma jista' jkun hemm ebda lok ta' kunflitt ta' interess.

**10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Senegal u l-Kape Verde?**

Apparti x-xogħol ta' kuljum tiegħi għandi dħul minimu mill-pubblikazzjoni tal-kotba u dħul ieħor mill-kera. Dħul ieħor part-tajm huwa dak mit-turiżmu bħala gwida li s-sena l-oħra u din is-sena għamilt ftit minnu. Żgur li ebda xogħol tiegħi ma jista' jkun ta' konflitt ta' interess mal-ħatra ta' Ambaxxatur.

**11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

Żgur li ma hemm ebda kunflitt ta' interess imkien.

**12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?**

Le m'għandix.